KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
TRSTENJAK
ippreżentati fit-8 ta' Settembru 2009 [1]

Werrej

I — Introduzzjoni . . . . . I - 11309

II — Il-kuntest ġuridiku . . . . . I - 11309

A — Id-dritt Komunitarju . . . . . I - 11309

B — Il-leġizlazzjoni nazzjonali . . . . . I - 11310

III — Il-fatti u t-talba għal deċiżjoni preliminari . . . . . I - 11311

A — Il-fatti . . . . . I - 11311

B — L-ewwel talba għal deċiżjoni preliminari u s-sentenza O'Byrne . . . . . I - 11312

C — Talba għal deċiżjoni preliminari mill-House of Lords . . . . . I - 11313

IV — Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja . . . . . I - 11314

V — L-argumenti tal-partijiet . . . . . I - 11314

VI — Evalwazzjoni legali . . . . . I - 11315

A — L-ewwel talba għal deċiżjoni preliminari u s-sentenza O'Byrne . . . . . I - 11316

1. L-ewwel domanda: il-mument meta prodott jitqiegħed fiċ-ċirkulazzjoni . . I - 11316

2. Analiżi tar-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja għall-ewwel domanda . . . . . I - 11316

a) Il-kunċett ta' produttur fuq diversi livelli skont l-Artikolu 3 tad-Direttiva 85/374 . . . . . I - 11317

b) Bidu tad-dekorrenza tat-terminu ta' preskrizzjoni taħt l-Artikolu 11 tad-Direttiva 85/374 fid-dawl tal-interpretazzjoni funzjonali tal-kunċett ta' produttur . . . . . I - 11319

1 — Lingwa oriġinali: il-Ġermaniż.

3. It-tieni u t-tielet domandi: sostituzzjoni ta' produttur bħala konvenut matul kawża . . . . . I - 11323

4. Analiżi tar-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja għat-tieni u għat-tielet domandi I - 11324

B — It-talba għal deċiżjoni preliminari magħmula mill-House of Lords . . . . . I - 11325

1. Rimarki introduttivi . . . . . I - 11325

2. Impossibbiltà li jiġi ssostitwit produttur bħala konvenut wara l-iskadenza tat-terminu ta' preskrizzjoni taħt l-Artikolu 11 tad-Direttiva 85/374 . . . . . I - 11326

3. Analiżi tal-premessi tad-domanda preliminari tal-House of Lords u l-konsegwenzi tagħhom għall-applikazzjoni tad-Direttiva 85/374 . . . . . I - 11330

a) Preskrizzjoni taħt l-Artikolu 11 tad-Direttiva 85/374 u sostituzzjoni ta' konvenuti qabel l-iskadenza tal-perijodu ta' preskrizzjoni . . . . . I - 11330

i) Dekorrenza tat-terminu ta' preskrizzjoni taħt l-Artikolu 11 tad-Direttiva 85/374 f'każ bħal dak fil-kawża prinċipali . . . . . I - 11330

ii) Possibbiltà ta' sostituzzjoni ta' produttur bħala parti fil-kawża qabel l-iskadenza tat-terminu ta' preskrizzjoni skont l-Artikolu 11 tad-Direttiva 85/374 . . . . . I - 11332

b) Konsegwenzi tal-klassifikazzjoni ta' fornitur bħala produttur fis-sens tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 85/374 . . . . . I - 11333

i) Il-klassifikazzjoni ta' fornitur bħala produttur fis-sens tal-ewwel parti tal-Artikolu 3(1) jew tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 85/374 . . . . . I - 11333

ii) Konsegwenzi tal-klassifikazzjoni ta' fornitur bħala produttur fis-sens tal-ewwel parti tal-Artikolu 3(1) jew tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 85/374 . . . . . I - 11335

4. Sommarju . . . . . I - 11338

VII — Konklużjoni . . . . . I - 11338

I — Introduzzjoni

1. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari mill-House of Lords tikkonċerna l-interpretazzjoni tal-Artikolu 11 tad-Direttiva tal-Kunsill 85/374/KEE, tal-25 ta' Lulju 1985, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar responabbiltà għall-prodotti difettużi [2]. Il-qorti tar-rinviju titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tikkjarifika b'mod partikolari jekk u taħt liema kundizzjonijiet il-produttur ta' prodott jistax, permezz ta' sostituzzjoni tal-partijiet, isir konvenut f'kawża fejn il-parti ppreġudikata tkun invokat bi żball id-drittijiet tagħha taħt din id-direttva kontra fornitur tal-prodott, jekk il-kawża tkun tressqet qabel ma jkun skada t-terminu ta' preskrizzjoni ta' għaxar snin stipulat fl-Artikolu 11 tad-Direttiva 85/374 iżda r-rikors għas-sostituzzjoni tal-konvenut ikun sar biss wara li jkun iddekorra dan il-perijodu ta' għaxar snin.

2. Fattur speċjali dwar din it-talba għal deċiżjoni preliminari huwa li d-domanda diġà ġiet rinvijata lill-Qorti tal-Ġustizzja — għalkemm b'formulazzjoni differenti — mill-High Court of Justice (England & Wales), Queen's Bench Division, bħala qorti ta' istanza inferjuri fl-istess proċedimenti, u ngħatat risposta permezz tas-sentenza tad-9 ta' Frar 2006, O'Byrne [3]. Peress li l-House of Lords, bħala qorti tal-appell fl-istess kawża, hija inċerta dwar l-effett preċiż tar-risposta mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja, hija rrinvjat id-domanda lill-Qorti tal-Ġustizzja għal deċiżjoni preliminari oħra.

II — Il-kuntest ġuridiku

A — *Id-dritt Komunitarju*

3. L-Artikolu 1 tad-Direttiva 85/374 jistipula li "[il-]produttur jinżamm responsabbli għal ħsara kkawżata minn difett fil-prodott tiegħu".

4. L-Artikolu 3 tad-Direttiva 85/374 jipprovdi:

"1. 'Produttur' tfisser manifattur ta' prodott lest, il-produttur ta' kull materja prima jew il-manifattur ta' parti komponenti u kull persuna li, billi tqiegħed isimha, l-marka tan-negozju tagħha jew fattur distintiv ieħor fuq il-prodott tippreżenta lilha stess bħala l-produttur tiegħu.

[…]

2 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil Malti, Kapitolu 15, Vol. 1, p. 257.
3 — Sentenza tad-9 ta' Frar 2006, O'Byrne (C-127/04, Ġabra I-1313).

3. Fejn il-produttur tal-prodott ma jistax jiġi identifikat, kull fornitur tal-prodott għandu jitqies bħala l-produttur tiegħu kemm-il darba huwa ma jgħarrafx lill-persuna li saritilha l-ħsara [ippreġudikata], fi żmien raġjonevoli, bl-identità tal-produttur jew bil-persuna li tkun fornietu bil-prodott. L-istess għandu jgħodd, fil-każ ta' prodott importat, jekk dan il-prodott ma jindikax l-identità tal-importatur imsemmi fil-paragrafu 2, anke jekk l-isem tal-produttur huwa indikat."

5. L-Artikolu 11 tad-Direttiva 85/374 jipprovdi:

"L-Istati Membri għandhom jipprovdu filleġislazzjoni tagħhom li d-drittijiet mogħtija lil persuna li saritilha l-ħsara [ippreġudikata] skond din id-Direttiva jispiċċaw ma' l-iskadenza ta' perjodu ta' 10 snin mid-data li fiha l-produttur ikun poġġa fiċ-ċirkulazzjoni l-prodott attwali li kkawża d-dannu, kemm-il darba l-persuna korruta [ippreġudikata] tkun fil-frattemp tat bidu għal proċedimenti kontra l-produttur."

B — *Il-leġizlazzjoni nazzjonali*

6. Ir-Renju Unit ittraspona d-Direttiva 85/374 permezz tal-parti I tal-Consumer Protection Act 1987, li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 1988.

7. Din il-liġi daħħlet Artikolu 11A ġdid fil-Limitation Act 1980, fejn is-subartikolu 3 ta' dan jipprovdi:

"Azzjoni li għaliha japplika dan l-artikolu ma tistax titressaq wara li jiskadi t-terminu ta' għaxar snin mid-data rilevanti […]; u dan is-subartikolu għandu bħala effett li jtemm id-dritt għat-tressieq ta' azzjoni u dan jiġri sew jekk id-dritt għat-tressieq ta' azzjoni jkun akkumula u sew jekk le, jew jekk ikun beda jiddekorri ż-żmien skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att fi tmiem l-imsemmi perijodu ta' għaxar snin."

8. Skont l-Artikolu 35 tal-Limitation Act 1980, is-sostituzzjoni ta' konvenut matul kawża bħala prinċipju hija pprojbita wara li jkun skada t-terminu ta' preskrizzjoni. Madankollu, b'mod eċċezzjonali, ir-regoli ta' proċedura jistgħu jagħtu lill-qrati l-poter li jippermettu li ssir it-tali bidla fil-partijiet wara li jkun iddekorra t-terminu ta' preskrizzjoni.

9. Ir-Regola 19.5(3)(a) tas-Civil Procedure Rules tipprovdi għal din il-possibbiltà ta' sostituzzjoni ta' parti wara li jkun skada t-terminu ta' preskrizzjoni meta azzjoni tkun tressqet bi żball kontra l-persuna żbaljata. Il-qrati nazzjonali għandhom diskrezzjoni wiesgħa meta japplikaw din id-dispożizzjoni.

Meta jagħmlu hekk huma jieħdu inkunsiderazzjoni l-fatt li l-konvenut jitlef l-effett liberatorju tal-preskrizzjoni, sabiex b'hekk rikors intiż għas-sostituzzjoni ta' konvenut, anki fejn il-kundizzjonijiet kollha stipulati jiġu sodisfatti, jintlaqa' biss jekk dan ikun ġust skont iċ-ċirkustanzi tal-każ.

III — Il-fatti u t-talba għal deċiżjoni preliminari

A — *Il-fatti*

10. L-appellat fil-kawża prinċipali, meta kien tarbija, ġie mlaqqam fi klinika medika ġewwa r-Renju Unit bit-tilqima HIB, li l-produttur tagħha kienet il-kumpannija Franċiża Pasteur Mérieux Sérums et Vaccins SA, li wara biddlet isimha għal Aventis Pasteur SA (iktar 'il quddiem "APSA"). It-tilqima tqassmet fir-Renju Unit mill-kumpannija Ingliża Mérieux UK Limited, kumpannija sussidjarja 100 % proprjetà ta' APSA. Fl-1994 APSA waqfet kumpannija bi sħab ma' Merck Inc. Mérieux UK Limited ġiet ikkonvertita f'kumpannija sussidjarja tal-kumpannija bi sħab, u sussegwentement biddlet isimha għal Aventis Pasteur MSD (iktar 'il quddiem "APMSD").

11. It-tilqima li ġiet amministrata lill-appellat kienet parti minn kunsinna ta' numru ta' unitajiet tat-tilqima HIB mibgħuta minn APSA lil APMSD fit-18 ta' Settembru 1992. Fit-22 ta' Settembru 1992 il-kunsinna waslet għand APMSD, li minnufih ħallset il-fattura għall-kunsinna lil APSA.

12. F'data mhux magħrufa — probabbilment lejn l-aħħar ta' Settembru jew il-bidu ta' Ottubru 1992 — parti mill-kunsinna, inkluża t-tilqima mogħtija lill-appellat, inbiegħet minn APMSD lid-Department of Health (il-Ministeru tas-Saħħa) u ġiet ikkunsinnata lil sptar indikat mid-dipartiment, li sussegwentement forna t-tilqima lill-klinika tat-tabib fejn l-appellat ingħata t-tilqima fit-3 ta' Novembru 1992.

13. Sussegwentement l-appellat sofra minn ħsara serja fil-moħħ. Fil-fehma tiegħu, il-ħsara ġiet ikkawżata mit-tilqima, li jingħad li kienet difettuża.

14. Fit-2 ta' Novembru 2000 l-appellat ippreżenta rikors kontra APMSD. Fit-talba nnotifikata fl-1 ta' Awwissu 2001, huwa allega li t-tilqima kienet ġiet prodotta minn APMSD u li kienet difettuża. APMSD wieġbet fir-risposta tagħha, innotifikata fid-29 ta' Novembru 2001, li hija kienet sempliċement id-dis-

tributur tat-tilqima amministrata lill-appellat. Fis-17 ta' April 2002, b'riposta għal talba f'dan is-sens, APMSD identifikat lil Pasteur Merieux Serums et Vaccins SA bħala l-produttur.

15. Fis-16 ta' Ottubru 2002 l-appellat ippreżenta rikors separat kontra APSA, fejn talab id-danni fuq il-bażi li APSA kienet il-produttur tat-tilqima. F'din it-tieni kawża, APSA ammettiet li kienet il-produttur tat-tilqima iżda sostniet li r-rikors imressaq kontriha kien preskritt. Hija sostniet li l-prodott kien tqiegħed fiċ-ċirkulazzjoni meta ntbagħat fit-18 ta' Settembru 1992 lil APMSD, li rċevietha fit-22 ta' Settembru 1992. Il-preskrizzjoni ta' għaxar snin previst mill-Artikolu 11A(3) tal-Limitation Act 1980 kien għaldaqstant skada l-iktar tard fit-22 ta' Settembru 2002.

16. Minbarra l-kawża ġdida kontra APSA, l-appellat ippreżenta rikors fil-kuntest tal-ewwel kawża kontra APMSD sabiex APMSD tiġi ssostitwita minn APSA bħala konvenuta. Insostenn ta' dan ir-rikors, l-appellat sostna li meta ressaq l-ewwel kawża f'Novembru 2000 huwa żbaljatament ħaseb li APMSD kienet il-produttur tat-tilqima. B'kontestazzjoni għal dan ir-rikors, APSA sostniet li, sa fejn il-liġi nazzjonali kienet tippermetti tali sostituzzjoni tal-partijiet wara l-iskadenza tat-terminu ta' preskrizzjoni ta' għaxar snin, dan kien inkompatibbli mal-Artikolu 11 tad-Direttiva 85/374. L-appellat jiċħad dan.

B — *L-ewwel talba għal deċiżjoni preliminari u s-sentenza O'Byrne*

17. F'dawn iċ-ċirkustanzi l-High Court of Justice (England & Wales), Queen's Bench Division, issospendiet il-proċeduri fl-ewwel kawża, li kienet pendenti quddiemha, u rrinvijat tliet domandi lill-Qorti tal-Ġustizzja għal deċiżjoni preliminari. Il-High Court talbet kjarifika b'mod partikolari meta, f'każ bħal dak fil-kawża prinċipali, il-prodott kellu jitqies bħala li tqiegħed fiċ-ċirkulazzjoni fis-sens tal-Artikolu 11 tad-Direttiva 85/374 (l-ewwel domanda), jekk azzjoni mressqa bi żball kontra impriża li ma kinitx il-produttur għandhiex titqies bħala "proċedimenti kontra l-produttur" fis-sens tal-Artikolu 11 (it-tieni domanda), u jekk f'dawn iċ-ċirkustanzi l-Artikolu 11 kienx jippermetti li l-produttur jiġi ssostitwit bħala konvenut, bil-permess tal-qorti, jekk ikun ingħata bidu għall-kawża kkonċernata qabel l-iskadenza tat-terminu ta' għaxar snin iżda rikors għas-sostituzzjoni tal-konvenuti jkun ġie ppreżentat biss wara l-iskadenza tat-terminu (it-tielet domanda).

18. B'risposta għal dawn id-domandi, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fis-sentenza O'Byrne li:

"1. L-Artikolu 11 tad-Direttiva 85/374/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar responsabbiltà għall-prodotti difettużi għandu jiġi interpretat fis-sens li prodott huwa

mqiegħed fiċ-ċirkulazzjoni meta huwa ħareġ mill-proċess ta' produzzjoni implementat mill-produttur u meta jidħol fi proċess ta' kummerċjalizzazzjoni fejn jinsab fi stat li jkun offrut lill-pubbliku sabiex jiġi użat jew ikkunsmat.

2. Meta azzjoni hija mressqa kontra kumpannija kkunsidrata b'mod żbaljat bħala li hija l-produttur ta' prodott meta, filfatt, dan il-prodott ikun ġie mmanufatturat minn kumpannija oħra, hija bħala prinċipju l-liġi nazzjonali li għandha tiffissa l-kundizzjonijiet meta s-sostituzzjoni ta' parti b'oħra tista' ssir fil-kuntest ta' azzjoni bħal din. Qorti nazzjonali li teżamina l-kundizzjonijiet li għalihom hija suġġetta din is-sostituzzjoni għandha madankollu tirrispetta l-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* tad-Direttiva 85/374, kif iddeterminat mill-Artikoli 1 u 3 tagħha."

C — *Talba għal deċiżjoni preliminari mill-House of Lords*

19. Wara s-sentenza O'Byrne, il-High Court of Justice (England & Wales), Queen's Bench Division, fl-20 ta' Ottubru 2006 laqgħet ir-rikors tar-rikorrent fl-ewwel istanza għas-sostituzzjoni tal-partijiet, abbażi tal-fatt li APMSD bi żball kienet ġiet indikata bħala konvenuta minflok APSA. APSA appellat quddiem il-Court of Appeal, li ċaħdet l-appell fid-9 ta' Ottubru 2007. Il-House of Lords tat il-kunsens tagħha lil APSA sabiex tappella.

20. F'dawn il-proċeduri ta' appell il-House of Lords għandha tiddeċiedi jekk huwiex konsistenti mad-Direttiva 85/374 li l-liġijiet ta' Stat Membru jippermettu li ssir is-sostituzzjoni tal-vera produttur bħala konvenut f'kawża bħal dik fil-kawża prinċipali. Din id-domanda kienet diġà tressqet lill-Qorti tal-Ġustizzja fit-tieni u fit-tielet domandi fl-ewwel digriet tar-rinviju, u ngħatat risposta għaliha fis-sentenza O'Byrne. Madankollu, sabiex tiddetermina l-portata preċiża tar-risposta mogħtija, il-House of Lords kellha tiffaċċja diffikultajiet serji ta' interpretazzjoni.

21. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-House of Lords iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tirrinvija d-domanda li ġejja għal deċiżjoni preliminari ulterjuri lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"Huwa konformi mad-Direttiva Ewropea dwar ir-responsabbiltà tal-prodott li l-liġijiet ta' Stat Membru jippermettu s-sostituzzjoni minn konvenut ġdid f'talba mressqa taħt id-direttiva wara li l-perijodu ta' 10 snin għall-infurzar tad-drittijiet taħt l-Artikolu 11 tad-direttiva jkun skada f'ċirkustanzi fejn l-unika persuna li tkun magħżula bħala

konvenut fil-kawża matul il-perijodu ta' 10 snin kienet xi ħadd li ma taqax taħt l-Artikolu 3 tad-Direttiva?"

IV — Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

22. Id-digriet tar-rinviju tal-11 ta' Ġunju 2008 wasal għand il-Qorti tal-Ġustizzja fil-5 ta' Awwissu 2008. L-appellat u l-appellanta fil-kawża prinċipali kif ukoll il-Kummissjoni ppreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom fil-kuntest tal-proċedura bil-miktub. Ir-rappreżentati tal-appellat u tal-appellanta fil-kawża prinċipali, kif ukoll il-Kummissjoni għamlu t-trattazzjonijiet tagħhom matul is-seduta tat-30 ta' Ġunju 2009.

V — L-argumenti tal-partijiet

23. APSA tosserva li d-Direttiva 85/374 hija bbażata fuq bilanċ kumpless ta' interessi. Sabiex tikkumpensa għar-responsabbiltà assoluta tal-produttur, id-direttiva tipprovdi għal ċerti difiżi u mekkaniżmu ieħor ta' protezzjoni għall-produttur. F'dan ir-rigward l-Artikolu 11 jipprovdi li d-drittijiet tal-konsumatur taħt id-direttiva f'kull każ jispiċċaw mal-iskadenza tat-terminu ta' għaxar snin mid-data li fiha l-produttur ikun qiegħed il-prodott fiċ-ċirkulazzjoni. L-unika possibbiltà li jiġi interrott id-dekorrenza ta' dan it-terminu hija t-tressiq ta' kawża kontra l-produttur fis-sens tal-Artikolu 3. Peress li d-Direttiva 85/374 għandha l-għan li tarmonizza kompletament il-materji li tirregola, it-tifsira ta' produttur fl-Artikolu 3 hija eżawrjenti. Fid-dawl tal-fatt li APMSD ma hijiex produttur fis-sens tal-Artikolu 3, il-kawża li tressqet kontra APMSD ma waqfitx id-dekorrenza tat-terminu ta' preskrizzjoni ta' għaxar snin. Id-drittijiet tal-persuna li saritilha ħsara għalhekk ġew estinti mal-iskadenza ta' dan it-terminu, biex b'hekk din ma setgħetx titlob iktar dawn id-drittijiet fi proċeduri kontra APMSD bħala l-konvenuta oriġinali jew kontra APSA bħala l-konvenuta l-ġdida.

24. Skont l-appellat fil-kawża prinċipali, id-Direttiva 85/374 ma tipprekludix regola nazzjonali ta' proċedura li tipprovdi li fornitur ta' prodott li fil-konfront tiegħu tkun tressqet kawża qabel l-iskadenza tat-terminu ta' preskrizzjoni ta' għaxar snin stipulat fl-Artikolu 11 jista' f'ċirkustanzi eċċezzjonali jiġi ssostitwit bħala konvenut mill-produttur tal-prodott, anki jekk ir-rikors għal sostituzzjoni tal-partijiet ikun sar biss wara li jkun skada t-terminu ta' preskrizzjoni ta' għaxar snin. Din ir-regola għandha titqies li hi konsistenti mad-direttiva b'mod partikolari meta s-sostituzzjoni tal-partijiet tippresupponi li r-rikorrent kellu l-intenzjoni *ab initio* li jasserixxi d-drittijiet tiegħu kontra produttur, u l-qrati nazzjonali jistgħu jiċħdu r-rikors għal sosti-

tuzzjoni ta' konvenuti jekk il-konvenut il-ġdid ma kellux għarfien, qabel l-iskadenza tat-terminu ta' għaxar snin, dwar l-intenzjoni tar-rikorrent li jasserixxi d-drittijiet tiegħu kontra produttur.

25. Fil-fehma tal-Kummissjoni, il-qorti tar-rinviju essenzjalment qed titlob gwida dwar jekk, fil-kuntest tal-kawża prinċipali, sostituzzjoni ta' konvenuti li hija permessa taħt il-liġi nazzjonali hijiex konsistenti mad-Direttiva 85/374 jekk il-persuna ppreġudikata, qabel l-iskadenza tat-terminu tal-preskrizzjoni ta' għaxar snin, bi żball tressaq it-talba tagħha mhux kontra l-produttur fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva iżda minflok kontra fornitur li għandu jiġi klassifikat bħala produttur fis-sens tal-Artikolu 3(3), u jippreżenta rikors għas-sostituzzjoni ta' konvenuti biss wara li jkun skada t-terminu ta' għaxar snin. Hija ssostni li r-risposta għandha tkun fl-affermattiv.

VI — Evalwazzjoni legali

26. Permezz tat-talba tagħha għal deċiżjoni preliminari, il-qorti tar-rinviju qed titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tagħti risposta għal domanda li kienet diġà saret fl-istess kawża mill-qorti inferjuri, il-High Court of Justice (England & Wales), Queen's Bench Division, u li ngħatat risposta mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza O'Byrne [4].

27. Għalkemm l-ewwel sentenza O'Byrne hija deċiżjoni definittiva tal-Qorti tal-Ġustizzja li l-effett tagħha jestendi mhux biss għal qorti tar-rinviju iżda għall-qrati kollha li għandhom jagħtu deċiżjoni fl-istess kawża, rinviju ulterjuri tal-istess domanda fl-istess kawża huwa ammissibbli [5]. Skont il-ġurisprudenza stabbilita, dan it-tieni rinviju jista' jkun ġġustifikat b'mod partikolari meta l-qorti nazzjonali tiltaqa' ma' diffikultajiet biex tifhem jew tapplika s-sentenza, meta tirreferi punt ta' dritt ġdid lill-Qorti tal-Ġustizzja, jew meta tissottometti kunsiderazzjonijiet ġodda li jistgħu jwasslu l-Qorti tal-Ġustizzja biex tagħti risposta differenti għal domanda li diġà tkun tat deċiżjoni dwarha [6]. Bħala prinċipju hija l-qorti nazzjonali li għandha tiddeċiedi jekk id-deċiżjoni preliminari li diġà tkun ingħatat tipprovdix risposta adegwata sabiex tiddeċiedi l-kawża, jew jekk tikkunsidrax li jkun meħtieġ rinviju ulterjuri [7].

28. F'dan il-kuntest, qabel kollox hawn taħt għandha ssir analiżi tas-sentenza O'Byrne. Sussegwentement din l-analiżi għandha tittieħed bħala punt tat-tluq biex tiġi pprovduta proposta ta' risposta għad-domanda għal deċiżjoni preliminari ġdida.

4 — Iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 3.

5 — Rengeling, H.-W.,Middeke, A. u Gellermann, M., *Handbuch des Rechtsschutzes in der Europäischen Union*, Münich 2003, paragrafu 10, punt 87.

6 — Sentenza tal-11 ta' Ġunju 1987, Pretura di Salò (14/86, Ġabra p. 2545, punt 12) u d-digriet tal-5 ta' Marzu 1986, Wünsche (69/85, Ġabra p. 947, punt 15).

7 — Ara Dauses, A., ""P — Gerichtsbarkeit der EU"", f'*Handbuch des EU-Wirtschaftsrechts* (ed Dauses, M.), P. II, paragrafu 224 (EL 23).

A — *L-ewwel talba għal deċiżjoni preliminari u s-sentenza O'Byrne*

1. L-ewwel domanda: il-mument meta prodott jitqiegħed fiċ-ċirkulazzjoni

29. Fis-sentenza O'Byrne, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha qabel kollox tiddeċiedi dwar jekk, meta prodott jinbiegħ minn kumpannija produttriċi lil kumpannija sussidjarja ta' distribuzzjoni li sussegwentement tbigħu lil terzi, l-Artikolu 11 tad-Direttiva 85/374 għandux jiġi interpretat fis-sens li l-prodott jitqiegħed fiċ-ċirkulazzjoni meta jiġi ttrasferit mill-kumpannija produttriċi lill-kumpannija sussidjarja jew meta dan il-prodott jiġi ttrasferit minn din tal-aħħar lil terzi.

30. Fir-risposta għal din id-domanda l-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li d-dispożizzjoni fl-Artikolu 11 li tistabbilixxi terminu għaddrittijiet tal-persuna ppreġudikata, hija ta' natura newtrali. Il-konstatazzjoni tat-termini ta' żmien li matulhom għandha titressaq il-kawża tal-persuna ppreġudikata għaldaqstant għandha tissodisfa kriterji oġġettivi [8].

31. Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat il-prinċipju li prodott għandu jitqies li tqiegħed fiċ-ċirkulazzjoni, fis-sens tal-Artikolu 11 tad-Direttiva, meta joħroġ mill-proċess ta' produzzjoni min-naħa tal-produttur u jidħol fil-proċess ta' kummerċjalizzazzjoni fil-forma li fiha jiġi offert lill-pubbliku sabiex jintuża jew jiġi kkonsmat. Ġeneralment ma huwiex importanti f'dan ir-rigward il-fatt li l-prodott jinbiegħ direttament mill-produttur lill-utent jew lill-konsumatur jew li dan il-bejgħ isir fil-kuntest ta' proċess ta' distribuzzjoni li jinkludi wieħed jew iktar fornituri [9].

32. Madankollu, meta r-rabtiet bejn produttur u fornitur ikunu daqstant viċini li dan tal-aħħar fil-verità jkun involut fil-proċess ta' produzzjoni, il-kunċett ta' produttur fis-sens tal-Artikolu 11 tad-Direttiva jinkludi wkoll dan il-fornitur, u l-prodott ma jitqiesx li tqiegħed fiċ-ċirkulazzjoni sempliċement għaliex ġie ttrasferit lill-fornitur. Huma l-qrati nazzjonali li għandhom jevalwaw jekk din ir-rabta mill-viċin teżistix jew le [10].

2. Analiżi tar-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja għall-ewwel domanda

33. Fir-risposta għall-ewwel domanda, il-Qorti tal-Ġustizzja essenzjalment ikkonstatat li prodott jitqies li tqiegħed fiċ-ċirkulazzjoni mill-mument meta l-produttur jittrasferixxih lil fornitur. Jekk, madankollu, il-produttur u l-fornitur huma daqstant konnessi mill-viċin li l-fornitur verament jifforma parti

8 — Sentenza O'Byrne (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 3, punt 26).

9 — *Ibid*, punti 27 u 28.

10 — *Ibid*, punt 29 *et seq*.

mill-proċess tal-produzzjoni, il-fornitur għandu wkoll jiġi klassifikat bħala produttur fis-sens tal-Artikoli 7 u 11 tad-Direttiva 85/374. F'dan il-każ il-prodott ma jitqiesx li tqiegħed fiċ-ċirkulazzjoni sal-mument meta l-fornitur li għandu jiġi klassifikat bħala produttur jittrasferixxieh lil terzi.

34. Peress li l-kunċett ta' produttur użat fl-Artikoli 7 u 11 tad-Direttiva jirreferi għad-definizzjoni statutorja ta' produttur fl-Artikolu 3, il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza O'Byrne bażikament għażlet li tagħti interpretazzjoni funzjonali tal-kunċett ta' produttur fis-sens tal-Artikolu 3. Biex tiġi kkonstatata l-portata u t-tifsira preċiża ta' din l-interpretazzjoni funzjonali qabel kollox se niddeskrivi d-diversi kategoriji ta' produtturi taħt l-Artikolu 3 biex imbagħad nispjega liema kategorija ta' produttur kienet qed tirreferi għalih il-Qorti tal-Ġustizzja. Sussegwentement se nuri kif din l-interpretazzjoni funzjonali tidħol fir-regola tal-preskrizzjoni li tinsab fid-Direttiva 85/374.

a) Il-kunċett ta' produttur fuq diversi livelli skont l-Artikolu 3 tad-Direttiva 85/374

35. Sabiex tistabbilixxi l-portata personali tad-Direttiva 85/374, il-leġiżlatura pproċediet minn kunċett ta' produttur kumpless, fuq diversi livelli kif spjegat fl-Artikolu 3 u jinkludi erba' kategoriji differenti ta' produtturi:

(1) il-produttur *stricto sensu* li jipproduċi l-prodott lest, il-materja prima jew parti komponenti (l-Artikolu 3(1) l-ewwel parti tas-sentenza);

(2) il-kważi-produttur li jippreżenta lilu nnifsu bħala l-produttur billi jqiegħed ismu, it-trade mark tan-negozju tiegħu jew xi sinjal distintiv ieħor fuq il-prodott, (l-Artikolu 3(1) it-tieni parti tas-sentenza);

(3) l-importatur li jimporta l-prodott fil-Komunità għad-distribuzzjoni fil-kors tan-negozju tiegħu (l-Artikolu 3(2));

(4) il-fornitur li jiddistribwixxi l-prodott, jekk il-produttur (jew fil-każ ta' prodott importat, l-importatur) ma jistax jiġi identifikat u l-fornitur ma jiddikjarax fi żmien raġjonevoli l-identità tal-produttur jew tal-importatur jew tal-persuna li fornietlu l-prodott (l-Artikolu 3(3)).

36. Billi fis-sentenza O'Byrne, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li entità li hija formalment parti mill-katina tad-distribuzzjoni tista', b'riżultat tal-involviment tagħha fil-proċess tal-manifattura tal-prodott għandha titqies bħala produttur mill-aspett funzjonali, b'mod impliċitu iżda mingħajr ebda ekwivoku hija għamlet referenza għall-kategorija ta' produtturi *stricto sensu* fis-sens tal-ewwel parti tal-Artikolu 3(1). Huwa biss il-produttur *stricto sensu* li jopera proċess għall-manifattura ta' prodott u għaldaqstant jinsab f'pożizzjoni li jorganizza l-proċess b'tali mod li jinvolvi entitajiet oħra.

37. Għaldaqstant l-interpretazzjoni funzjonali tal-kunċett ta' produttur fis-sentenza O'Byrne hija relatata mal-kategorija ta' produttur *stricto sensu* fis-sens tal-ewwel parti tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 85/374. Il-kategoriji l-oħra ta' produtturi, b'kuntrast ma' dan, ma għandhomx x'jaqsmu ma' din l-interpretazzjoni funzjonali tal-kunċett ta' produttur.

38. Huma l-qrati nazzjonali li għandhom jiddeterminaw jekk fornitur ta' prodott għandux jiġi klassifikat mill-aspett funzjonali fil-każ partikolari bħala produttur fis-sens tal-ewwel parti tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 85/374. Madankollu, f'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà spjegat fis-sentenza O'Byrne [11] li, meta ssir l-evalwazzjoni dwar jekk produttur u fornitur humiex daqshekk relatati mill-viċin li l-fornitur fil-verità jkun parti mill-proċess ta' produzzjoni, bħala prinċipju ma huwiex rilevanti jekk il-produttur u l-fornitur ikunux persuni ġuridiċi distinti. Bl-istess mod ma hijiex rilevanti l-kwistjoni dwar jekk il-produttur *stricto sensu* jkunx bagħat fattura tal-prodotti lill-entità kkonċernata u jekk din tal-aħħar tkunx ħallset il-prezz tal-bejgħ bħal kwalunkwe xerrej ieħor. Il-kwistjoni dwar min kellu d-drittijiet ta' proprjetà fuq il-prodotti f'dak iż-żmien hija wkoll irrilevanti. Min-naħa l-oħra, hija rilevanti l-kwistjoni dwar jekk l-impriżi jwettqux attivitajiet differenti ta' manifattura, jew jekk waħda minnhom, il-kumpannija sussidjarja, taġixxix biss bħala distributur jew bħala pussessur tal-prodott immanifatturat mill-kumpannija parent.

39. Fid-dawl ta' dawn il-prinċipji, sabiex fornitur jiġi kklassifikat bħala produttur — funzjonali — ta' prodott fis-sens tal-ewwel parti tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 85/374, tirriżulta li hi deċiżiva r-risposta għad-domanda dwar jekk il-produttur, wara li jittrasferixxi l-prodott lill-fornitur li formalment jagħmel parti mill-katina ta' distribuzzjoni, iżommx *de facto* kontroll fuq il-prodott ittrasferit [12]. Dan ikun il-każ b'mod partikolari fejn il-fornitur ma jiddeterminax l-imġiba tiegħu fis-suq b'mod awtonomu iżda jsegwi l-istruzzjonijiet tal-produttur li minnu huwa kkontrollat.

11 — *Ibid*, punti 30 u 31.

12 — F'dan is-sens, ara wkoll l-Avukat Ġenerali Geelhoed fil-konklużjonijiet tiegħu għas-sentenza O'Byrne (iċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 3, punt 43), li fil-fehma tiegħu l-kriterju għandu jkun il-kontroll jew l-abbandun tal-kontroll fuq il-prodott. Ara wkoll Viney, G., u Jourdain, P., *Les conditions de la responsabilité*, it-Tielet edizzjoni, Pariġi 2006, p. 881; Jourdain, P., "Responsabilité civile. Responsabilités spéciales. Produits défectueux", *RTD civ*. 2006, p. 331, 333.

40. Ir-risposta għad-domanda dwar il-kontroll fattwali fuq prodott għandha tingħata mill-qrati nazzjonali fil-kuntest ta' evalwazzjoni tal-każ individwali u billi tingħata attenzjoni partikolari għall-proċessi ta' produzzjoni u ta' distribuzzjoni operati mill-produttur. Madankollu, ma għandux jiġi ttraskurat il-punt li fir-rigward ta' tranżazzjonijiet fi ħdan grupp, it-trasferiment ta' prodott normalment ma jinvolvix telf ta' kontroll, b'mod partikolari meta — bħal fil-kawża prinċipali — id-distribuzzjoni ssir mill-produttur lill-kumpannija sussidjarja li tkun 100 % proprjetà tiegħu.

41. Meta prodott jiġi ttrasferit minn produttur lil kumpannija sussidjarja li tkun 100 % proprjetà tiegħu u li tifforma parti mill-katina ta' distribuzzjoni, jista' jiġi preżunt li l-produttur iżomm kontroll fuq il-prodott sakemm il-kumpannija sussidjarja tkun biegħet il-prodott lil persuna jew entità barra mill-grupp. Din il-preżunzjoni tista' tiġi kkonfutata. Ir-realtà ekonomika hija wisq kumplessa sabiex ikun possibbli, mingħajr ma jittieħdu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi speċifiċi, li jiġi kkonfermat li produttur ma jitlifx il-kontroll *de facto* fuq prodott meta jittrasferrixxieh lil entità fi ħdan il-grupp. Il-prova kuntrarja li l-kontroll ikun intilef, kif ukoll il-prova dwar il-mument eżatt meta sar it-trasferiment tal-prodott fi ħdan il-grupp, madankollu, għandhom jiġu ppreżentati mill-produttur, li għandu l-oneru tal-prova u r-riskju assoċjat tal-konsegwenzi għan-nuqqas li jingħataw il-provi. Biex tiġi evitata l-possibbiltà li l-produttur ikun jista' jikseb vantaġġ proċedurali minn dawk ir-relazzjonijiet fi ħdan il-grupp li ma humiex trasparenti għall-konsumatur, l-obbligi li jridu jiġu sodisfatti b'din il-prova kuntrarja għandhom barra minn hekk ikunu għoljin.

42. Jekk ma tingħatax prova kuntrarja dwar it-telf ta' kontroll fil-kuntest ta' trasferiment fi ħdan il-grupp, fornitur li jkun kumpannija sussidjarja li tkun 100 % proprjetà tal-produttur u li jkun irċieva prodott mill-produttur għandu jiġi klassifikat, flimkien mal-kumpannija parent, bħala produttur ta' dak il-prodott fis-sens tal-ewwel parti tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 85/374.

b) Bidu tad-dekorrenza tat-terminu ta' preskrizzjoni taħt l-Artikolu 11 tad-Direttiva 85/374 fid-dawl tal-interpretazzjoni funzjonali tal-kunċett ta' produttur

43. Interpretazzjoni funzjonali tal-kunċett ta' produttur fis-sens tal-ewwel parti tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 85/374 tieħu debitament inkunsiderazzjoni l-kompromess milħuq mid-direttiva bejn l-interessi tal-konsumaturi u dawk tal-produtturi. Dan huwa l-ewwel nett evidenti fir-rigward tad-determinazzjoni tal-mument minn meta t-terminu ta' preskrizzjoni taħt l-Artikolu 11 tad-direttiva jibda jiddekorri, li magħha hija relatata l-ewwel domanda tal-High Court.

44. Fir-rigward tar-regoli dwar preskrizzjoni, id-Direttiva 85/374 tipprovvdi għal żewġ limitazzjonijiet *ratione temporis* fuq ir-responsabbiltà tal-produttur fir-rigward tal-prodotti.

45. Fl-ewwel lok, l-Artikolu 10(1) jinkludi terminu ta' preskrizzjoni ta' tliet snin, li jibda jiddekorri mid-data li fiha l-persuna li ssofri ħsara tkun saret taf, jew kellha ssir taf, bil-ħsara, bid-difett u bl-identità tal-produttur. Għalkemm it-terminu ta' preskrizzjoni huwa relattivament qasir, il-fatt li dan jibda jiddekorri biss mill-jum li fih il-persuna kkonċernata saret konsapevoli —, jew minn meta kellha raġonevolment issir konsapevoli — mill-fatti kruċjali li jagħtu lok għat-talba, jinkludi miegħu l-possibbiltà li t-terminu ma jibdix jiddekorri qabel ħafna snin wara l-ewwel użu tal-prodotti. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 10(2), il-liġijiet tal-Istati Membri dwar is-sospensjoni jew l-interruzzjoni tat-termini ta' preskrizzjoni huma applikabbli għal dan il-perijodu.

46. Minbarra dan it-terminu 'varjabbli' ta' preskrizzjoni, l-Artikolu 11 tad-direttiva jipprovvdi għal terminu 'fiss' ta' preskrizzjoni ta' għaxar snin li jibda jiddekorri mid-data li fiha l-prodott ikun tqiegħed għaċ-ċirkulazzjoni, li jista' jiġi interrott biss meta titressaq kawża kontra l-produttur, u twassal għall-estinzjoni tad-drittijiet tal-persuna li tkun saritilha l-ħsara taħt id-direttiva [13].

47. Għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat, fis-sentenza O'Byrne, b'riferiment għall-premessa 10 fil-Preambolu għad-Direttiva 85/374, li dan it-terminu ta' preskrizzjoni ta' għaxar snin joħloq ċertezza legali fl-interess ta' dawk kollha konċernati, u f'dan is-sens huwa newtrali, fil-fehma tiegħi ma jistax jiġi injorat ukoll li fil-kuntest globali tad-Direttiva l-Artikolu 11 għandu barra minn hekk u fuq kollox, effett newtralizzanti favur il-produttur.

48. Kif qal korrettement l-Avukat Ġenerali Geelhoed fil-konklużjonijiet tiegħu tat-2 ta' Ġunju 2005 fil-kawża O'Byrne [14], id-Di-

13 — Peress li d-drittijiet mogħtija mid-direttiva jiġu estinti maliskadenza tat-terminu ta' għaxar snin skont l-Artikolu 11, dan it-terminu ġeneralment jiġi kklassifikat fil-kitba legali mhux bħala terminu ta' preskrizzjoni iżda bħala terminu ta' "estinzjoni" li, b'referenza għal kunċetti ta' liġi nazzjonali, huwa deskritt *inter alia* bħala "von Amtwegen zu beachtende Ausschlussfrist" (Graf von Westphalen, F., *Produkthaftungshandbuch*, Vol. 2, it-tieni edizzjoni, Münich 1999, § 79 paragrafu 15), "vervaltermijn" (Dommering-van Rongen, L., *Productaansprakelijkheid*, Amsterdam 2000, p. 92 u 93), jew "délai d'extinction" (le Tourneau, Ph., *Droit de la responsabilité et des contrats*, is-sitt edizzjoni, Pariġi 2006, paragrafu 8461). Madankollu t-tali użu ta' kunċetti żviluppati għall-iskopijiet ta' liġi nazzjonali jġib miegħu r-riskju li l-prinċipji ta' dritt proċedurali li huma permanentement preżenti f'dawn il-kunċetti jistgħu jidħlu indirettament fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 11 tad-direttiva. Barra minn hekk, il-premessa 10 fil-Preambolu għad-direttiva ssemmi espressament "perjodu uniformi ta' limitu biex tittieħed azzjoni għall-kumpens". F'dan il-kuntest, kemm il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza *O'Byrne* (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 3) kif ukoll l-Avukat Ġenerali Geelhoed fil-konklużjonijiet tiegħu għal din il-kawża ddeskrivew b'mod korrett it-terminu ta' għaxar snin taħt l-Artikolu 11 tad-Direttiva 85/374 bħala terminu ta' preskrizzjoni, b'dak it-terminu jinftiehem mill-aspett tad-dritt Komunitarju.

14 — Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Geelhoed fis-sentenza *O'Byrne* (iċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 3, punt 29).

rettiva 85/374 għandha l-għan li tipproteġi l-konsumatur billi tipprovvdi għal responsabbiltà assoluta tal-produttur — iżda bil-possibbiltà ta' difiżi — għal każijiet fejn il-ħsara tkun ikkawżata minn difett fil-prodott tiegħu. Din il-klassifikazzjoni tar-responsabbiltà tal-produttur bħala responsabbiltà assoluta hija immedjatament evidenti mill-premessa 2 fil-Preambolu għad-Direttiva 85/374, li tikkonstata li responsabbiltà assoluta hija l-uniku mezz li permezz tagħha tissolva l-problema b'mod adegwat ta' distribuzzjoni ġusta tar-riskji intrinsiċi fil-produzzjoni teknoloġika moderna [15]. Il-klassifikazzjoni bħala responsabbiltà assoluta hija kkonfermata minn analiżi tal-formulazzjoni u l-iskema tad-direttiva. Għaldaqstant il-ħsara li għandha tiġi kkumpensata tiġi deskritta konsistentement bħala waħda kkawżata minn difett fil-prodott, mingħajr ebda riferiment għal imġiba b'negliġenza jew ksur ta' obbligi min-naħa tal-produttur [16]. F'dan ir-rigward, skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva 85/374, l-aspettattiva leġittima tal-konsumatur, pjuttost milli obbligu ta' premura li miegħu għandhom jikkonformaw rwieħhom il-produtturi, tapplika bħala l-kriterju deċiżiv dwar jekk prodott huwiex difettuż [17].

49. Ir-responsabbiltà assoluta tal-produttur hija limitata *ratione temporis* u tiġi estinta, skont l-Artikolu 11 tad-Direttiva 85/74, mhux iktar tard mill-iskadenza ta' għaxar snin minn meta l-prodott ikun tqiegħed fiċ-ċirkulazzjoni. Dan it-terminu "fiss" ta' għaxar snin huwa ġġustifikat qabel kollox peress li responsabbiltà assoluta tirrappreżenta oneru ikbar fuq il-produttur meta mqabbla mar-responsabbiltà taħt ir-regoli komuni ta' res-

15 — Ara, fir-rigward ta' dan il-punt Borghetti, J.-S., *La responsabilité du fait des produits. Étude de droit comparé*, Paris 2004, paragrafu 434, p. 432 u 433.

16 — Ara Taschner, H.C., "Product liability: basic problems in comparative law perspective", fi *Product Liability in Comparative Perspective*, ed. Fairgrieve, D., Cambridge 2005, p. 155, 161, li jenfasizza li l-Artikolu 4 tad-Direttiva 85/374 jippresupponi bħala elementi dannu, difett u rabta kawżali biss, fejn l-imġiba tal-produttur tkun irrelevanti. Għaldaqstant ir-responsabbiltà tal-produttur ma hijiex "ibbażata fuq ħsara" iżda hija "ibbażata fuq difett".

17 — Madankollu l-kwistjoni tal-klassifikazzjoni fit-teorija legali tar-responsabbiltà tal-produttur wasslet għal dibattitu partikolarment imqanqal bejn awturi legali, speċjalment fil-kitba legali Ġermaniża, fejn ġew issuġġeriti mhux biss klassifikazzjoni bħala responsabbiltà assoluta iżda wkoll klassifikazzjonijiet bħala responsabbiltà bbażata fuq ir-riskju, bħala taħlita ta' diversi elementi ta' responsabbiltà għall-prodotti difettużi bbażata fuq ħsara u responsabbiltà assoluta, skont it-tip ta' difett, jew bħala taħlita ta' responsabbiltà bbażata fuq ir-riskju u responsabbiltà bbażata fuq nuqqas ta' ħsara fir-rigward ta' prodotti difettużi (ara Oechsler, J., f'Staudinger, *Kommentar zum Bürgerlichen Gesetzbuch*, Buch 2, Berlin 2002, Einl zum ProdHaftG, paragrafu 27). F'sistemi legali oħra wkoll, il-kwistjoni tan-natura legali tar-responsabbiltà tal-prodottur ġiet imwiġba bl-iktar modi diversi fil-kuntest tas-sistemi legali nazzjonali, *inter alia* bl-użu tal-kliem "responsabilité quasi objective", "responsabilité mixte" (le Tourneau, Ph., a. a. O., Fn. 13, paragrafu 8350) jew "responsabilité de plein droit" fil-kitba bil-Franċiż, "risicoaansprakelijkheid" (van Empel, M., u Ritsema, H.A., *Aansprakelijkheid voor producten*, it-tieni edizzjoni, Deventer 1992, p. 53) u "risicoaansprakelijkheid met schuldelementen" (Dommering-van Rongen, L., iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 13, punt 36) fil-kitba bl-Olandiż, "objectieve aansprakelijkheid met eerbiedigend karakter" fil-kitba bil-Belġjan (Wuyts, D., "Productaansprakelijkheid: een Richtlijn voor (n)iets?", *TBBR* 2008, p. 3, 7). Madankollu, f'dan id-dibattitu jiġi ġeneralment injorat li d-Direttiva 85/374 introduċiet regola tad-dritt Komunitarju dwar ir-responsabbiltà li għaliha l-kunċetti ta' responsabbiltà żviluppati għad-dritt nazzjonali ma jistgħux jiġu sempliċement applikati. Peress li skont il-formulazzjoni, l-għan u l-istruttura tad-Direttiva 85/374 il-ħsara preċiżament ma hijiex kundizzjoni għar-responsabbiltà, ir-responsabbiltà stipulata f'din id-direttiva għandha tiġi kklassifikata fid-dritt Komunitarju bħala responsabbiltà assoluta (kif intqal korrettement f'Taschner, H.C. u Frietsch, E., *Produkthaftungsgesetz und EG-Produkthaftungsrichtlinie*, Munich 1990, it-tieni edizzjoni, Art. 1 Richtl., Nru. 2. Ara wkoll v. Bar, C., *Gemeineuropäisches Deliktsrecht*, Vol. II, Munich 1999, paragrafu 391, li jiddeskrivi r-responsabbiltà b'mod sottili ħafna bħala waħda li hija bbażata fuq sistema ta' attribuzzjoni stretta).

ponsabbiltà kuntrattwali u mhux kuntrattwali. Sabiex ma jkunx hemm restrizzjonijiet fuq il-progress tekniku [18], biex l-oneru addizzjonali fuq il-produttur jinżamm f'ċerti limiti, u biex ikun possibbli li tinħareġ assigurazzjoni kontra r-riskju ta' responsabbiltà [19], il-leġiżlatura kkonkludiet li kien meħtieġ li tiġi stabbilita skadenza għar-responsabbiltà assoluta u li tiġi ggarantita għall-produtturi data fissa bħala terminu li tkun uniformi f'kull parti tal-Komunità.

50. Fl-iskema globali tad-Direttiva 85/374, il-limitu massimu ta' għaxar snin għar-responsabbiltà tal-produttur fl-Artikolu 11 għaldaqstant għandu jitqies bħala kontro bilanċ għan-natura mhux ibbażata fuq ħsara għal din it-tip ta' responsabbiltà għall-prodott. B'ħekk ċaqlieq fid-data ta' meta jibda jiddekorri t-terminu ta' preskrizzjoni neċessarjament għandu effett fuq il-bilanċ bejn l-interessi tal-produtturi u tal-konsumaturi. Jekk it-terminu ta' preskrizzjoni jibda jiddekorri iktar 'il quddiem, hija mhux biss il-protezzjoni talkonsumatur li tiżdied iżda wkoll ir-riskju ta' responsabbiltà tal-produttur. Jekk, min-naħa l-oħra, it-terminu ta' preskrizzjoni jibda jiddekorri iktar kmieni, il-protezzjoni tal-konsumatur tonqos u — bl-istess mod — l-istess jgħodd għar-riskju ta' responsabbiltà tal-produttur.

51. Biex timpedixxi tnaqqis mhux iġġustifikat tal-perijodu ta' preskrizzjoni b'detriment talkonsumatur, il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza *O'Byrne*, meta interpretat l-espressjoni "impoġġi fiċ-ċirkulazzjoni" bħala l-avvenient li jibda d-dekorrenza tal-perijodu ta' preskrizzjoni, iffokat qabel kollox mhux fuq it-trasferiment fiżiku tal-prodott mill-produttur lil entità oħra iżda pjuttost fuq il-proċess ta' produzzjoni operat mill-produttur u l-kontroll eżerċitat f'dan il-kuntest. It-trasferiment tal-prodott lil kumpannija sussidjarja li formalment tifforma parti mill-katina ta' distribuzzjoni ma tgħoddx bħala tqegħid fiċ-ċirkulazzjoni jekk it-trasferiment ikun tranżazzjoni purament interna fi ħdan il-grupp u l-produttur ma jitlifx kontroll fuq il-prodott.

52. B'ħekk il-Qorti tal-Ġustizzja użat interpretazzjoni funzjonali tal-kunċett ta' produttur fis-sens tal-ewwel parti tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 85/374 biex tiġi evitata l-possibbiltà li l-perijodu ta' preskrizzjoni jibda jiddekorri bħala riżultat ta' tranżazzjonijiet interni fi ħdan il-grupp, anki jekk il-prodott ma jkunx għadu telaq mill-isfera ta' kontroll tal-produttur. Interpretazzjoni kuntrarja kien

18 — Għalkemm skont l-Artikolu 7(e) tad-direttiva l-produttur ma huwiex responsabbli jekk jipprova li l-qagħda tal-għarfien xjentifiku u tekniku fiż-żmien meta huwa qiegħed l-prodott fiċ-ċirkulazzjoni ma kinitx tali li tippermetti li tinstab l-eżistenza tad-difett, il-produttur iġorr l-oneru tal-prova u b'konsegwenza ta' dan iġorr ukoll ir-riskju tal-konsegwenzi tan-nuqqas ta' provi fir-rigward tad-difiża tiegħu. Għaldaqstant id-difiża tista' biss parzjalment tneħħi r-riskju li tinżamm lura l-innovazzjoni li hija inerenti fir-responsabbiltà assoluta għal prodotti. F'dan il-kuntest, il-premessa 11 fil-Preambolu għad-Direttiva 85/374 korrettement tindika li l-prodotti jiqdiemu maż-żmien, jiġu żviluppati standards ta' sigurtà ogħla u s-sitwazzjoni tax-xjenza u tat-teknoloġija tavvanza, sabiex b'ħekk ma jkunx raġjonevoli li l-produttur jinżamm responsabbli għal perjodu ta' żmien illimitat minħabba difett fil-prodott tiegħu.

19 — Fil-letteratura legali relevanti, issir referenza b'mod partikolari għall-possibbiltà li ssir assigurazzjoni kontra r-riskju ta' responsabbiltà għal prodotti bħala r-raġuni prinċipali għallintroduzzjoni tat-terminu ta' preskrizzjoni ta' għaxar snin taħt l-Artikolu 11 tad-Direttiva 85/374: ara Borghetti, J.-S., iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 15, p. 491 u 492; van Wassenaer van Catwijck, A, *Productenaansprakelijkheid in Europees verband*, it-tieni edizzjoni, Zwolle 1991, p. 104; Kullmann, H.J., *Produkthaftungsgesetz*, it-tieni edizzjoni, Berlin 1997, p. 149.

ikollha l-konsegwenza li l-produtturi kienu jingħataw mezz sabiex iqassru b'mod sinjifikattiv it-terminu ta' preskrizzjoni ta' għaxar snin billi jaħżnu u jżommu prodotti fi ħdan il-grupp [20], li kien iwassal biex ixekkel il-bilanċ milħuq mid-direttiva bejn l-interessi tal-produtturi u tal-konsumaturi.

3. It-tieni u t-tielet domandi: sostituzzjoni ta' produttur bħala konvenut matul kawża

53. Permezz tat-tieni u tat-tielet domandi li dwarhom il-Qorti tal-Ġustizzja kellha tagħti deċiżjoni preliminari fil-kawża O'Byrne, il-qorti nazzjonali essenzjalment staqsiet għal gwida dwar jekk liġi nazzjonali tistax tagħti diskrezzjoni lill-qrati sabiex jitrattaw kawża mressqa bi żball kontra persuna li ma hijiex il-produttur "bħala proċedimenti kontra l-produttur" fis-sens tal-Artikolu 11 tad-Direttiva 85/374 (it-tieni domanda), u jekk l-Artikolu 11 jippermettix f'dan ir-rigward li jkun hemm regola nazzjonali li tipprovdi li l-produttur jista', permezz ta' sostituzzjoni tal-partijiet, jissejjaħ bħala konvenut fi proċedimenti li jkunu nbdew bi żball kontra impriża oħra qabel l-iskadenza tat-terminu ta' għaxar snin, anki jekk ir-rikors għas-sostituzzjoni kien ġie ppreżentat wara l-iskadenza ta' dan it-terminu u ma jkunu tressqu ebda proċedimenti oħra kontra l-produttur fir-rigward tal-prodott ikkonċernat qabel ma jkun skada t-terminu (it-tielet domanda).

54. Fir-risposta tagħha għal dawn id-domandi (li hija eżaminat flimkien) il-Qorti tal-Ġustizzja bdiet billi osservat li d-direttiva ma tispeċifikax ir-regoli proċedurali li għandhom jiġu applikati meta persuna li ssirilha l-ħsara tressaq kawża dwar responsabbiltà għal prodotti difettużi u tagħmel żball fir-rigward tal-identità tal-produttur. Għaldaqstant hija l-liġi proċedurali nazzjonali li għandha tiddetermina l-kundizzjonijiet li jipprovdu meta għandha ssir is-sostituzzjoni ta' parti b'oħra fil-kuntest ta' kawża bħal din [21].

55. Sussegwentement il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-għan tad-direttiva hu li tinkiseb armonizzazzjoni kompleta fil-materji rregolati minnha, filwaqt li d-determinazzjoni fl-Artikoli 1 u 3 tal-klassi ta' persuni responsabbli għandha titqies bħala waħda eżawrjenti. F'dan il-kuntest, persuni oħra jistgħu jitqiesu bħala produtturi biss fil-każijiet elenkati b'mod eżawrjenti fl-Artikolu 3 [22].

56. Fid-dawl ta' dawk il-konklużjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja waslet għall-konklużjoni li f'każ bħal dak fil-proċedimenti nazzjonali, ir-risposti għat-tieni u għat-tielet domandi għandha tkun fis-sens li, bħala

20 — Bl-istess mod, l-Avukat Ġenerali Geelhoed fil-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża O'Byrne, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 3, punt 48 *et seq.*

21 — Sentenza O'Byrne, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 3, punt 34.

22 — *Ibid.*, punt 35 u 37.

regola hija l-liġi nazzjonali li għandha tiffissa l-kundizzjonijiet meta parti tista' tiġi ssostitwita b'oħra. Qorti nazzjonali li teżamina l-kundizzjonijiet li jirregolaw din is-sostituzzjoni għandha madankollu tiżgura li tingħata l-attenzjoni dovuta għall-portata *ratione personae* ta' din id-direttiva, skont l-Artikoli 1 u 3 tagħha [23]

4. Analiżi tar-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja għat-tieni u għat-tielet domandi

57. Analiżi bir-reqqa tas-sentenza O'Byrne twassalni għall-konklużjoni li r-risposta mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja għat-tieni u għat-tielet domandi, b'mod partikolari l-ħtieġa li meta jiġu eżaminati l-kundizzjonijiet għas-sostituzzjoni tal-partijiet il-qorti nazzjonali għandha tiżgura li tingħata l-attenzjoni dovuta għall-portata *ratione personae* tad-Direttiva 85/374, hi miftuħa għal żewġ interpretazzjonijiet pjuttost differenti.

58. Minn naħa, is-sentenza tista' tiġi interpretata fis-sens li sostituzzjoni tal-partijiet — valida taħt il-liġi nazzjonali — tista' tissodisfa l-ħtiġiet tad-Direttiva 85/374 jekk il-konvenut "issostitwit" jaqa' fi ħdan il-portata *ratione personae* tad-Direttiva 85/374 u l-kawża kienet tressqet bi żball — u għaldaqstant *in buona fede* — iżda fil-ħin kontra impriża li ma hijiex il-produttur, anki jekk ir-rikors għas-sostituzzjoni tal-partijiet kien ġie ppreżentat biss wara l-iskadenza tat-terminu ta' preskrizzjoni ta' għaxar snin. Evidentement il-High Court ħadet din l-interpretazzjoni bħala l-bażi għad-deċiżjoni tagħha tal-20 ta' Ottubru 2006 li laqgħet ir-rikors tar-rikorrent fl-ewwel istanza għas-sostituzzjoni tal-partijiet. Il-maġġoranza tal-House of Lords ukoll tidher li hi favur din l-interpretazzjoni.

59. Għalkemm din l-ewwel interpretazzjoni tista' taqbel mal-kliem tad-dispożittiv, fil-fehma tiegħi is-sentenza O'Byrne tinkludi diversi indikazzjonijiet li l-Qorti tal-Ġustizzja waslet għall-konklużjoni opposta.

60. Din it-tieni interpretazzjoni hija sostnuta minn analiżi globali tas-sentenza O'Byrne b'attenzjoni partikolari għall-formulazzjoni mill-ġdid mill-Qorti tal-Ġustizzja tat-tieni u tat-tielet domandi. Il-Qorti tal-Ġustizzja amalgamat iż-żewġ domandi f'waħda, u weġbitha fis-sens li l-kundizzjonijiet għas-sostituzzjoni ta' partijiet bħala regola għandhom jiġu stabbiliti mil-liġi nazzjonali, iżda l-qrati nazzjonali ma jistgħux jestendu l-portata *ratione personae* tad-direttiva meta jeżaminaw dawn il-kundizzjonijiet.

61. Dan ir-riferiment għall-obbligu li l-portata *ratione personae* tad-Diret-

23 — *Ibid.*, punt 39.

tiva 85/374 għandha tittieħed debitament inkunsiderazzjoni, b'risposta għat-tieni domanda, eskludiet li kawża mressqa bi żball kontra impriża li ma tkunx il-produttur tiġi kkunsidrata bħala "proċedimenti kontra l-produttur" fis-sens tal-Artikolu 11, peress li dan ikun jimplika li impriża li ma taqax taħt il-kunċett ta' produttur fis-sens tal-Artikolu 3 tiġi kklassifikata bħala produttur, b'esklużjoni tal-portata *ratione personae* tad-Direttiva 85/374.

62. Din ir-risposta fin-negattiv għat-tieni domanda timplika, għall-istess raġunijiet, li r-risposta għat-tielet domanda għandha tkun fin-negattiv. Peress li kawża mressqa bi żball kontra impriża li ma tkunx il-produttur ma tistax tiġi kklassifikata bħala "proċedimenti kontra l-produttur", din ma tinterrompix il-perijodu ta' preskrizzjoni fis-sens tal-Artikolu 11 tad-Direttiva 85/374, u l-pretensjonijiet kontra l-produttur reali — jekk ma titressaqx kawża separata kontra tiegħu — jiġu estinti mal-iskadenza tat-terminu ta' preskrizzjoni ta' għaxar snin. F'dan il-kuntest, hija eskluża l-possibbiltà li l-produttur sussegwentement jiġi ssostitwit bħala konvenut f'kawża li diġà nfetħet u li fiha t-talbiet li issa huma estinti jkunu tressqu kontra impriża oħra. Inkella rikors kontra impriża li ma hijiex il-produttur jiġi ttrattat *de facto* bħala kawża kontra l-produttur reali, iżda dan ġie eskluż mill-Qorti tal-Ġustizzja fir-risposta tagħha għat-tieni domanda.

B — *It-talba għal deċiżjoni preliminari magħmula mill-House of Lords*

1. Rimarki introduttivi

63. Permezz tat-talba tagħha għal deċiżjoni preliminari tal-11 ta' Ġunju 2008, il-House of Lords titlob essenzjalment eżami mill-ġdid dwar jekk is-sostituzzjoni ta' konvenuti hijiex kompatibbli mad-Direttiva 85/374 fiċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali. Fil-formulazzjoni tad-domanda, il-House of Lords assumiet li l-fornitur APMSD li ġie mħarrek oriġinarjament fil-kawża prinċipali ma jistax jiġi kklassifikat bħala produttur fis-sens tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 85/374 kif ukoll li r-rikors għas-sostituzzjoni tal-partijiet ġie ppreżentat wara li skada t-terminu ta' preskrizzjoni ta' għaxar snin stipulat fl-Artikolu 11 tad-direttiva.

64. Madankollu, APSA sostniet li fil-kawża prinċipali għadu ma ġiex ikkjarifikat b'mod definittiv jekk APMSD tistax tiġi kklassifikata bħala produttur fis-sens tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 85/374. Lanqas ma għadu ġie deċiż jekk il-kawża li tressqet kontra APSA fis-16 ta' Ottubru 2002 saritx qabel jew wara l-iskadenza tat-terminu ta' preskrizzjoni ta' għaxar snin skont l-Artikolu 11 tad-direttiva. Abbażi tad-dokumenti li tressqu fil-kawża, il-Kummissjoni b'mod partikolari ssostni f'dan ir-rigward li APMSD ma għandhiex tiġi kklassifikata bħala produttur fis-sens tal-Artikolu 3 tad-direttiva u li b'konsegwenza ta' dan id-domanda għandha tiġi fformulata mill-ġdid.

65. Minkejja li l-Qorti tal-Ġustizzja ma hijiex imsejħa tevalwa l-fatti tal-kawża prinċipali, madankollu xorta waħda tista' tagħti parir lill-qorti nazzjonali li jista' jkun ta' għajnuna għaliha sabiex issolvi l-kawża prinċipali b'kunsiderazzjoni għall-fatti partikolari tal-każ.

66. F'dan il-kuntest, se tiġi qabel kollox analizzata d-domanda skont kif ġiet ifformulata mill-House of Lords. Sussegwentement għandha ssir eżami tal-premessi li fuqhom ibbażat ruħha l-House of Lords kif ukoll il-konsegwenzi possibbli tagħhom fir-rigward tar-risposta għad-domanda.

2. Impossibbiltà li jiġi ssostitwit produttur bħala konvenut wara l-iskadenza tat-terminu ta' preskrizzjoni taħt l-Artikolu 11 tad-Direttiva 85/374

67. Il-kwistjoni ċentrali li għandha tiġi ttrattata fir-risposta għat-talba tal-House of Lords hija jekk u taħt liema kundizzjonijiet liġi nazzjonali tista' tagħti lil persuna li sofriet ħsara l-possibbiltà, wara l-iskadenza tat-terminu ta' preskrizzjoni mfisser fl-Artikolu 11 tad-Direttiva 85/374, li produttur isir konvenut f'kawża li tkun tressqet bi żball kontra fornitur qabel l-iskadenza tat-terminu ta' preskrizzjoni, u b'dan il-mod jitressqu talbiet taħt id-direttiva kontra l-produttur.

68. Fil-fehma tiegħi, tali sostituzzjoni tal-produttur bħala konvenut meta jkun ġie liberat bl-iskadenza tat-terminu ta' preskrizzjoni ta' għaxar snin hija inkompatibbli mad-Direttiva 85/374.

69. Għandu jiġi osservat, qabel kollox, li skont ġurisprudenza stabbilita d-Direttiva 85/374 għandha l-għan li tikseb armonizzazzjoni kompleta tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri. Il-marġni ta' diskrezzjoni li l-Istati Membri għandhom sabiex jirregolaw ir-responsabbiltà għall-prodotti difettużi hija ddeterminata kollha kemm hi mid-Direttiva 85/374 stess u dan għandu jiġi dedott mill-kliem, mill-għan u mill-istruttura tagħha [24].

70. F'dan ir-rigward, huwa wkoll minnu li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 13 tad-Direttiva 85/374, li jipprovdi li din id-direttiva ma taffettwax id-drittijiet li l-persuna li ssirilha ħsara jista' jkollha skont ir-regoli tal-liġi tar-responsabbiltà kuntrattwali jew mhux kuntrattwali jew skont sistema ta' responsabbiltà speċjali eżistenti meta din id-direttiva tiġi nnotifikata, ma jistax jiġi interpretat fis-sens li jagħti lill-Istati Membri l-possibbiltà li jżommu fis-seħħ sistema ġenerali ta' respon-

24 — Sentenzi tal-4 ta' Ġunju 2009, Moteurs Leroy Somer (C-258/08, Ġabra p. I-4733, punti 20 u 21), tal-10 ta' Jannar 2006, Skov u Bilka (C-402/03, Ġabra p. I-199, punti 22 u 23), tal-25 ta' April 2002, Il-Kummissjoni vs Franza (C-52/00, Ġabra p. I-3827, punti 16 u 24), tal-25 ta' April 2002, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-154/00, Ġabra I-3879, punti 12 u 20), u tal-25 ta' April 2002, González Sánchez (C-183/00, Ġabra I-3901, punt 25).

sabbiltà għall-prodotti difettużi differenti minn dik prevista mill-imsemmija direttiva [25].

71. Id-Direttiva 85/374 għaldaqstant tistabbilixxi mhux biss il-limitu minimu iżda wkoll il-limitu massimu tar-responsabbiltà assoluta tal-produttur [26], filwaqt li r-regola tal-preskrizzjoni msemmija fl-Artikolu 11 għandha mingħajr dubju tiġi kklassifikata bħala tifsira tal-limitu ta' żmien massimu tar-responsabbiltà.

72. Interpretazzjoni tal-Artikolu 11 tad-Direttiva 85/374 li tkun konformi mal-kliem, mal-għan u mal-istruttura tagħha turi mingħajr dubju hawnhekk li d-drittijiet kontra l-produttur li l-persuna ppreġudikata tikseb mid-direttiva kienu maħsuba li jisparixxu għal kollox mal-iskadenza tat-terminu ta' għaxar snin stipulat f'din id-dispożizzjoni. Fil-verżjonijiet lingwistiċi differenti tad-dispożizzjoni, l-estinzjoni tad-drittijiet hija espressa *inter alia* bil-kliem "prenehajo", "erlöschen", "shall be extinguished", "s'éteignent", "se extinguirán", "si estinguono", u "komen te vervallen". Il-formulazzjoni ta' din id-dispożizzjoni għaldaqstant ma tagħti ebda lok sabiex jiġi dedott li d-drittijiet li jitnisslu mid-direttiva jistgħu jitqajmu mill-ġdid għal kwalunkwe raġuni wara li jkunu ġew estinti.

73. L-interpretazzjoni fis-sens li l-wasla fittmiem tat-terminu ta' preskrizzjoni taħt l-Artikolu 11 tad-Direttiva 85/374 iwassal għall-estinzjoni irrevokabbli tad-drittijiet li l-persuna ppreġudikata tikseb mid-direttiva fir-rigward tal-produttur liberat barra minn hekk taqbel mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-għanijiet segwiti mid-direttiva.

74. B'referenza għall-Premessa 1 fil-Preambolu tad-Direttiva 85/374, il-Qorti tal-Ġustizzja b'mod konsistenti kkonstatat li l-għan tad-direttiva huwa mhux biss li jiġu evitati differenzi fil-livelli ta' protezzjoni tal-konsumatur iżda wkoll li tiżgura li ma jkunx hemm distorsjoni tal-kompetizzjoni bejn operaturi ekonomiċi u biex jiġi ffaċilitat il-moviment liberu tal-merkanzija [27].

75. Peress li dawn it-tliet għanijiet leġiżlattivi jikkoeżistu maġenb xulxin, il-protezzjoni tal-konsumaturi ma tgawdix prijorità fil-kuntest tad-Direttiva 85/374 fuq iż-żewġ għanijiet

25 — Sentenzi ċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 24: Moteurs Leroy Somer (punt 22), Skov Æg (punt 39), Il-Kummissjoni vs Franza (punt 21), Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (punt 17), u González Sánchez (punt 30).

26 — Id-Direttiva 85/374, madankollu, ma teskludix l-applikazzjoni ta' regoli nazzjonali differenti ta' responsabbiltà kuntrattwali jew mhux kuntrattwali ladarba dawn ikunu bbażati fuq raġunijiet oħra. Ara Magnus, U.,'Die Produkthaftung des Zwischenhändlers vor dem EuGH', *GPR* 2006, p. 121, 123, li korrettement jenfasizza f'dan ir-rigward li d-direttiva ma għandhiex titqies bħala waħda li tirregola l-kumpless sħiħ tar-resposnabbiltà tal-prodott u għandha tikkostitwixxi biss regolamentazzjoni parzjali — minkejja li topera armonizzazzjoni sħiħa f'dan ir-rigward — ta' dik il-problema permezz tar-responsabbiltà assoluta.

27 — Ara s-sentenzi ċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 24: Moteurs Leroy Somer (punt 29), Il-Kummissjoni vs Franza (punt 17), Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (punt 13), u González Sánchez (punt 26).

l-oħra [28], b'kuntrast ma kif inhu l-każ fir-rigward ta' ħafna direttivi oħra relatati mal-konsumatur [29]. L-għan tad-Direttiva 85/374 hu li t-tqassim ġust tar-riskji bejn il-persuna ppreġudikata u l-produttur, hekk kif inhu kkonfermat espressament fil-premessa 7 fil-Preambolu [30].

76. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat b'mod konsistenti li r-regoli nazzjonali dwar il-protezzjoni tal-konsumatur li jmorru lilhinn mill-ħtiġiet tad-Direttiva 85/373, fid-dawl tal-għan ta' armonizzazzjoni kompleta, imorru kontra d-direttiva [31].

77. Kif diġà ntwera iktar 'il fuq, l-għan tat-terminu ta' preskrizzjoni ta' għaxar snin taħt l-Artikolu 11 tad-Direttiva 85/374 f'dan ir-rigward huwa li l-produtturi jiġu ggarantiti data fissa li fiha tintemm ir-responsabbiltà assoluta tagħhom. Il-piż addizzjonali fuq il-produttur b'riżultat ta' dan mhux biss jinżamm f'ċerti limiti, iżda jkun ukoll iktar faċli li tinħareġ assigurazzjoni kontra r-riskju ta' responsabbiltà [32].

78. Dawk iż-żewġ għanijiet jistgħu jintlaħqu biss jekk il-bidu u t-tmiem tat-terminu ta'

28 — Ara Schaub, R., "Abschied vom nationalen Produkthaftungsrecht? Anspruch und Wirklichkeit der EG-Produkthaftung", *ZEuP* 2003, p. 562, 570; Schroeter, U., "Zur historischen Auslegung sekundären Gemeinschaftsrechts und deren Grenzen am Beispiel der Produkthaftungsrichtlinie", *ELR* 2006, p. 296, 297; Whittaker, S., "Form and Substance in the Harmonisation of Product Liability in Europe", *ZEuP* 2007, p. 858, 866; Bacache, M., "La loi n° 98-389 du 19 mai 1998, 10 ans après", *Resp. civ. et assur.* 2008, étude 7, p. 2.

29 — Fis-sentenzi ċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 24: Il-Kummissjoni vs Franza (punt 18), Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (punt 14), u González Sánchez (punt 27), il-Qorti tal-Ġustizzja korrettement enfasizzat li diversi direttivi li jikkonċernaw il-konsumaturi espressament jipprovdu li l-Istati Membri jistgħu jadottaw jew iżommu fis-seħħ dispożizzjonijiet iktar stretti għall-protezzjoni tal-konsumatur fil-qasam kopert mid-direttiva, u b'hekk jiżguraw livell ogħla ta' protezzjoni tal-konsumatur. Ipparaguna l-Artikolu 8 tad-Direttiva tal-Kunsill 90/314/KEE, tat-13 ta' Ġunju 1990, dwar il-vjaġġi kollox kompriż (package travel), il-vaganzi kollox kompriż u t-tours kollox kompriż (ĠU 1990 L 158, p. 59), l-Artikolu 8 tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE, tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 10, p. 1321993 L 95, l-Artikolu 14 tad-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta' Mejju 1997, dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi in rigward ta' kuntratti li jsiru mill-bogħod (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 3, p. 319), u l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-25 ta' Mejju 1999, dwar ċerti aspetti tal-bejgħ ta' oġġetti tal-konsum u garanziji assoċjati magħhom (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 4, p. 223).

30 — Skont il-premessa 7 fil-Preambolu għad-Direttiva 85/374, distribuzzjoni imparzjali tar-riskju bejn il-persuna ppreġudikata u l-produttur timplika li l-produttur għandu jkun jista' jeħles lilu nnifsu mir-responsabbiltà jekk huwa jagħti prova tal-eżistenza ta' ċerti ċirkustanzi li jeżonorawh mir-responsabbiltà.

31 — Is-sentenzi Il-Kummissjoni vs Franza u Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, iċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 24, jitqiesu bħala sentenzi ewlenin. F'dawn is-sentenzi ġie ikkonstatat li dawn li ġejjin imorru kontra d-direttiva: l-estensjoni tal-kunċett ta' danni bħala riżultat tan-nuqqas li jiġi applikat il-limitu iktar baxx ta' EUR 500 fl-Artikolu 9(b) (sentenzi Il-Kummissjoni vs Franza, punt 26 *et seq.* u Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, punt 34), l-applikazzjoni mingħajr restrizzjonijiet tar-responsabbiltà tal-produttur lejn il-fornitur fir-rigward tal-konsumatur (sentenza Il-Kummissjoni vs Franza, punt 36 *et seq.*) u l-introduzzjoni ta' kundizzjonijiet addizzjonali għall-eżenzjonijiet mir-responsabbiltà taħt l-Artikolu 7(d) u (e) (sentenza Il-Kummissjoni vs Franza, punt 42 *et seq.*). Fil-ġurisprudenza sussegwenti ġie kkonstatat li dawn li ġejjin imorru kontra d-direttiva: dispożizzjoni li tipprovdi li fornitur għandu jieħu r-responsabbiltà tal-produttur fir-rigward tal-konsumatur (sentenza Skov Æg, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 24; ikkonfermata bis-sentenza tal-5 ta' Lulju 2007, Il-Kummissjoni vs Id-Danimarka, C-327/05, Ġabra p. I-93) u r-restrizzjoni tal-possibbiltà li l-produttur jiġi liberat mir-responsabbiltà taħt l-Artikolu 3(3) f'każijiet fejn il-produttur jibqa' mhux identifikat (sentenza tal-14 ta' Marzu 2006, Il-Kummissjoni vs Franza, C-177/04, Ġabra p. I-2461).

32 — Ara punt 47 *et seq.* iktar 'il fuq.

għaxar snin jiġu ttrattati bl-istess mod fil-Komunità kollha. Id-dekorrenza tat-terminu ta' preskrizzjoni jiġi ddeterminat fl-Artikolu 11 tad-Direttiva 85/374 abbażi ta' kriterji li jistgħu jiġu oġġettivament ikkonstatati: it-terminu jibda jiddekorri mill-mument meta l-produttur qiegħed l-prodott fiċ-ċirkulazzjoni, u jibqa' għaddej għal għaxar snin. Sabiex il-liġijiet tal-Istati Membri fir-rigward tas-sospensjoni jew l-interruzzjoni tat-termini ta' preskrizzjoni ma jwasslux għal forom nazzjonali differenti tat-terminu ta' għaxar snin, il-leġiżlatura stipulat barra minn hekk lista eżawrjenti ta' raġunijiet għall-interruzzjoni tat-terminu ta' preskrizzjoni fl-Artikolu 11, sabiex b'hekk hija biss it-tressiq ta' kawża kontra l-produttur li tista' twassal għal interruzzjoni ta' dan it-terminu. B'hekk meta titressaq kawża kontra persuna li ma tkunx il-produttur din ma twassalx għall-interruzzjoni tat-terminu ta' għaxar snin [33].

79. Minn perspettiva sistematika, dan ir-regolament eżawrjenti tar-raġunijiet għall-interuzzjoni tat-terminu ta' preskrizzjoni taħt l-Artikolu 11 tad-Direttiva 85/374 hija indikazzjoni ċara ħafna li d-drittijiet li jitnisslu mid-direttiva li ġew estinti skont l-Artikolu 11 ma jistgħux jiġu iktar invokati fi proċedimenti legali, lanqas permezz ta' sostituzzjoni tal-partijiet — effettiva taħt id-dritt nazzjonali — matul proċedimenti li jkunu diġà fis-seħħ kontra fornitur. Jekk persuna ppreġudikata li d-drittijiet tagħha fir-rigward tal-produttur ikunu diġà ġew estinti tista' tqiegħed lil dak il-produttur f'pożizzjoni ta' konvenut f'kawża oħra li fiha l-istess drittijiet qed jiġu invokati kontra fornitur, effettivament ikun qed jinħoloq motiv ġdid għall-interuzzjoni tat-terminu tal-preskrizzjoni: f'dan il-każ it-tressiq ta' kawża kontra impriża li bi żball ġiet ikkunsidrata bħala produttur *de facto* tkun kapaċi wkoll tinterrompi t-terminu ta' preskrizzjoni fir-rigward ta' produtturi. Il-limitu massimu *ratione temporis* ta' responsabbiltà għal produtturi fl-Artikolu 11 b'hekk jinqabeż, u dan jiġi eskluż fid-dawl tal-armonizzazzjoni kompleta tas-suġġett li hu l-għan tad-Direttiva 85/374.

80. Il-konklużjoni tiegħi hi li regola nazzjonali li taħtha persuna li ssirilha ħsara tista', permezz ta' sostituzzjoni tal-partijiet, tpoġġi lil produttur, li minħabba l-iskadenza tat-terminu ta' preskrizzjoni taħt l-Artikolu 11 tad-Direttiva 85/374, jiġi lliberat mir-responsabbiltà skont din id-direttiva, f'pożizzjoni ta' konvenut f'kawża fejn ikunu tressqu talbiet taħt id-direttiva bi żball iżda fil-ħin kontra impriża oħra, ma hijiex kompatibbli mad-Direttiva 85/374.

33 — Fil-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża O'Byrne (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 3, punt 58) l-Avukat Ġenerali Geelhoed enfasizza korrettement li t-terminu ta' għaxar snin ma jiġix interrott jekk il-persuna ppreġudikata bi żball tressaq kawża kontra persuna li ma hijiex il-produttur fis-sens tal-Artikolu 3. Ipparaguna wkoll Taschner, H.C. u Frietsch, E. (iċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 17), l-Artikolu 11,Richtl. paragrafu 8, li josservaw li jekk matul il-kawża jirriżulta li din tkun tressqet kontra l-persuna żbaljata, il-pretensjoni kontra l-avversarju reali tiġi estinta; ara wkoll Kullmann, H.J. (iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 19, p. 152).

3. Analiżi tal-premessi tad-domanda preliminari tal-House of Lords u l-konsegwenzi tagħhom għall-applikazzjoni tad-Direttiva 85/374

a) Preskrizzjoni taħt l-Artikolu 11 tad-Direttiva 85/374 u sostituzzjoni ta' konvenuti qabel l-iskadenza tal-perijodu ta' preskrizzjoni

81. Kif diġà kkonstatajt, APSA ssostni li l-ipoteżi li fuqhom hija bbażata t-talba għal deċiżjoni preliminari, b'mod partikolari li APMSD ma hijiex produttur fis-sens tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 85/374 u li APSA ġiet imħarrka għall-ewwel darba biss wara l-iskadenza tat-terminu ta' preskrizzjoni ta' għaxar snin, għadhom ma ġewx deċiżi fil-kawża prinċipali. Barra minn hekk, il-Kummissjoni hija b'mod ċar inklinata favur il-pożizzjoni li tgħid li APMSD għandha tiġi kklassifikata bħala produttur skont l-Artikolu 3(3), sabiex b'hekk hija tissuġġerixxi li d-domanda preliminari għandha tiġi fformulata mill-ġdid biex din iċ-ċirkustanza tittieħed inkunsiderazzjoni.

i) Dekorrenza tat-terminu ta' preskrizzjoni taħt l-Artikolu 11 tad-Direttiva 85/374 f'każ bħal dak fil-kawża prinċipali

83. Taħt l-Artikolu 11 tad-Direttiva 85/374 id-drittijiet tal-persuna li saritilha ħsara li jitnisslu minn din id-direttiva jiġu estinti mal-iskadenza tat-terminu ta' għaxar snin middata li fiha l-produttur iqiegħed il-prodott fiċ-ċirkulazzjoni.

82. Peress li l-Qorti tal-Ġustizzja tista' tipprovvdi lill-qorti ta' rinviju bi kwalunkwe informazzjoni li tista' tkun utli għaliha biex tiddeċiedi l-kawża prinċipali, se nissuġġetta ż-żewġ ipoteżi bażiċi tal-House of Lords għal eżami iktar iddettaljat u b'dan il-mod nuri kif id-dekorrenza tat-terminu ta' preskrizzjoni taħt l-Artikolu 11 tad-Direttiva 85/374 għandha bħala regola tiġi ddeterminata f'każ bħal dak fil-kawża prinċipali, u kif is-sostituzzjoni ta' produttur bħala konvenut għandha tiġi evalwata fid-dawl tad-direttiva jekk ir-rikors għas-sostituzzjoni jiġi ppreżentat qabel l-iskadenza tat-terminu ta' preskrizzjoni. Sussegwentement se niddiskuti l-konsegwenzi li jkollha l-klassifikazzjoni ta' fornitur bħal APMSD bħala produttur fis-sens tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 85/374 f'każ bħal dak fil-kawża prinċipali.

84. Il-kwistjoni tad-determinazzjoni talmument preċiż meta prodott jitqiegħed fiċ-ċirkulazzjoni kienet diġà tressqet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja permezz tal-ewwel talba għal deċiżjoni preliminari mill-High Court of Justice, li ġiet imwieġba b'mod ċar permezz tas-sentenza O'Byrne.

85. Il-Qorti tal-Ġustizzja qalet li prodott jitqiegħed fiċ-ċirkulazzjoni biss meta jinħareġ mill-proċess ta' produzzjoni operat mill-produttur u jidħol fi proċess ta' kummerċjalizzaz-

zjoni fl-istat li fih jiġi offert lill-pubbliku sabiex jintuża jew jiġi kkunsmat [34]. F'dan il-kuntest, it-trasferiment tal-prodott lil kumpannija sussidjarja li hi formalment parti mill-katina ta' distribuzzjoni ma huwiex ekwivalenti għal tqegħid tal-prodott fiċ-ċirkulazzjoni jekk in-natura tat-trasferiment tkun tranżazzjoni purament interna fi ħdan il-grupp u l-produttur b'hekk ma jitlifx il-kontroll fuq il-prodott [35].

86. Jekk fl-aħħar nett il-qrati nazzjonali ikkonfermaw fil-kawża prinċipali li APSA u APMSD kienu daqshekk konnessi mill-viċin li APMSD ma setgħetx tiddetermina l-imġiba tagħha b'mod awtonomu fir-rigward tat-tilqima inkwistjoni, it-tilqima pprovvduta lil APMSD ma kinitx titqiegħed fiċ-ċirkulazzjoni sal-mument meta APMSD biegħetha lil terz.

87. F'dan ir-rigward jidher mid-digriet tar-rinviju li d-data li fiha APSA bagħtet it-tilqima lil APMSD ġiet iddeterminata b'mod preċiż ħafna fil-kawża prinċipali. It-tilqima ntbagħtet fit-18 ta' Settembru 1992 u waslet għand APMSD fit-22 ta' Settembru 1992. Id-data preċiża li fiha APMSD biegħet it-tilqima lill-Ministeru tas-Saħħa min-naħa l-oħra ma hijiex ċerta. Skont il-qorti tar-rinviju, il-bejgħ sar f'data "li x'aktarx kienet lejn l-aħħar ta' Settembru 1992 jew kmieni f'Ottubru 1992". Fl-aħħar nett, l-appellant ġie mlaqqam bit-tilqima fit-3 ta' Novembru 1992.

88. Fis-16 ta' Ottubru 2002 l-appellant ressaq kawża kontra APSA, fejn invoka d-drittijiet tiegħu mnissla mid-Direttiva 85/374.

89. Jekk it-terminu ta' preskrizzjoni ta' għaxar snin għal APSA beda jiddekorri biss minn meta t-tilqima ġiet trasferita lill-Ministeru tas-Saħħa, id-data preċiża tal-bejgħ tat-tilqima minn APMSD lill-Ministeru tas-Saħħa jkollha tiġi aċċertata, sabiex tiġi ddeterminata d-data li fiha beda jiddekorri t-terminu ta' preskrizzjoni. Jekk titwarrab il-kwistjoni dwar jekk f'dan il-każ it-terminu ta' preskrizzjoni ta' għaxar snin fir-rigward ta' APSA kienx diġà ġie interrott meta infetħet il-kawża kontra APMSD [36], il-kawża li tressqet kontra APSA fis-16 ta' Ottubru 2002 f'kull każ inbdiet qabel l-iskadenza tat-terminu ta' għaxar snin jekk it-tilqima ma kinitx tqiegħdet fiċ-ċirkulazzjoni sakemm sar bejgħ lill-Ministeru tas-Saħħa fi jew wara s-16 ta' Ottubru 1992 [37].

34 — Sentenza O'Byrne (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 3, punt 32).

35 — Ara l-punti 39 *et seq.* iktar 'il fuq.

36 — Ara l-punti 109 *et seq.* iktar 'il quddiem

37 — Għalkemm id-Direttiva 85/374 ma tistipulax espressament il-metodu għall-kalkolu tat-terminu ta' preskrizzjoni, dan ukoll — fid-dawl tal-armonizzazzjoni sħiħa segwita — iriid isir b'mod uniformi f'kull parti tal-Komunità. Jidher li jkun xieraq fid-dawl tal-għanijiet segwiti minn din id-direttiva, li jiġi adottat il-metodu ta' kalkolu li hu l-baži ta' numru ta' atti Komunitarji, li taħthom il-jum li fih iseħħ l-avveniment li jagħti lok għad-dekorrenza tat-terminu ma huwiex inkluż, skont il-prinċipju *dies a quo non computatur in termino* (ara sempliċement l-Artikoli 80 u 81 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja). Dan jiggarantixxi b'mod partikolari li l-konsumaturi jkunu jistgħu jagħmlu użu sħiħ mit-terminu mogħti lilhom (ara sentenza tal-15 ta' Jannar 1987, Misset, 152/85, Ġabra p. 223, dwar l-Artikoli 80 u 81 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja). Għalhekk bħala prinċipju t-terminu skont l-Artikolu 11 tad-Direttiva 85/374 jagħlaq fi tmiem il-ġurnata fl-għaxar sena u li jkollha l-istess numru bħall-ġurnata li fiha l-prodott kien tqiegħed fiċ-ċirkulazzjoni.

90. Anki jekk il-mument preċiż tal-bejgħ tat-tilqima lill-Ministeru tas-Saħħa li ta lok għall-bidu tad-dekorrenza tat-terminu ma setax jiġi iktar ivverifikat, iżda seta' biss jiġi kkonfinat għall-perijodu bejn it-22 ta' Settembru 1992 — id-data li fiha APMSD irċeviet it-tilqima — u t-3 ta' Novembru 1992 — meta l-appellat ġie mlaqqam — il-ftuħ tal-kawża kontra APSA fis-16 ta' Ottubru 2002 f'kull każ kienet tinterrompi t-terminu ta' preskrizzjoni fil-ħin. Li kieku APSA kellha ssostni difiża bbażata fuq preskrizzjoni, hija jkollha tipprova d-data li fiha t-tilqima tqiegħdet fiċ-ċirkulazzjoni [38]. Jekk APSA bħala produttur setgħet biss tikkonfina din id-data għal ċertu terminu li beda jiddekorri iktar minn għaxar snin qabel id-data li fiha tressqet il-kawża iżda li jispiċċa inqas minn għaxar snin qabel dik id-data, APSA bħala produttur ikollha ġġorr l-oneru tal-prova tar-riskju assoċjat li man-nuqqas ta' għoti ta' prova tal-punt preċiż li fih beda jiddekorri ż-żmien [39]. Fin-nuqqas ta' determinazzjoni preċiża tal-mument ta' tqegħid fiċ-ċirkulazzjoni, fit-tali każ, il-kawża tas-16 ta' Ottubru 2002 ukoll tkun tressqet fil-ħin kontra APSA, fejn b'hekk jiġi interrott it-terminu ta' preskrizzjoni kontra APSA.

ii) Possibbiltà ta' sostituzzjoni ta' produttur bħala parti fil-kawża qabel l-iskadenza tat-terminu ta' preskrizzjoni skont l-Artikolu 11 tad-Direttiva 85/374

91. Id-Direttiva 85/374 hija siekta fir-rigward ta' liema regoli proċedurali għandhom jiġu applikati meta persuna ppreġudikata tixtieq tressaq talbiet kontra produttur taħt din id-direttiva. Jekk il-liġi proċedurali nazzjonali tipprovvdi għall-possibbiltà li ssir sostituzzjoni tal-konvenut f'kawża li tkun diġà pendenti b'konvenut ieħor, fejn b'hekk jiġu invokati d-drittijiet mitluba kontra l-konvenut il-ġdid, tali sostituzzjoni ta' konvenuti fil-prinċipju għandha titqies bħala forma permissibbli ta' tressiq ta' kawża kontra l-produttur.

92. Sakemm it-terminu ta' preskrizzjoni taħt l-Artikolu 11 tad-Direttiva 85/374 ma jkunx għadu skada, il-produttur jista' għalhekk, permezz ta' sostituzzjoni ta' konvenuti — li tkun valida skont il-liġi proċedurali nazzjonali — jiġi mħarrek f'kawża oħra li fiha talbiet għad-danni bbażati fuq ir-responsabbiltà għall-prodott ikunu tressqu bi żball kontra impriża oħra.

38 — Ara Taschner, H.C., u Frietsch, E. (iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 17), Artikolu 11 Richtl., paragrafu 4; Dommering-van Rongen, L. (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 13), p. 173.

39 — Ara Schmidt-Salzer, J., *Kommentar EG-Richtlinie Produkthaftung*, Vol. 1, Heidelberg 1986, Artikolu 11, paragrafu 14; Borghetti, J.-S. (iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 15, paragrafu 492, speċjalment in-nota ta' qiegħ il-paġna 271); Graf von Westphalen, F. (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 13, § 79, paragrafu 17).

93. L-istess għandu japplika meta l-persuna ppreġudikata tkun interrompiet it-terminu ta' preskrizzjoni taħt l-Artikolu 11 tad-Direttiva 85/374 billi ressqet kawża separata kontra l-produttur. Peress li l-effett ta' din l-interruzzjoni tat-terminu ta' preskrizzjoni jmur lilhinn mill-kawża speċifika, ikun kompatibbli mad-Direttiva 85/374 jekk il-produttur, wara l-ewwel kawża, permezz ta' sostituzzjoni tal-partijiet — valida taħt il-liġi proċedurali nazzjonali — ikun jista' jiġi mħarrek bħala konvenut f'kawża oħra fejn ikunu tressqu bi żball l-istess talbiet kontra impriża oħra.

b) Konsegwenzi tal-klassifikazzjoni ta' fornitur bħala produttur fis-sens tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 85/374

94. Huwa evidenti mit-trattazzjoni tal-partijiet u mill-informazzjoni li tinsab fil-proċess li l-qrati nazzjonali għadhom ma tawx deċiżjoni fil-kawża prinċipali dwar il-klassifikazzjoni ta' APMSD bħala produttur fis-sens tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 85/374. F'dan l-isfond, se nindirizza l-kundizzjonijiet għal u l-konsegwenzi tal-klassifikazzjoni ta' fornitur bħal ma huwa APMSD bħala produttur fis-sens tal-ewwel parti tal-Artikolu 3(1) jew tal-Artikolu 3 (3) tad-direttiva.

i) Il-klassifikazzjoni ta' fornitur bħala produttur fis-sens tal-ewwel parti tal-Artikolu 3(1) jew tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 85/374

95. Skont l-interpretazzjoni funzjonali talkunċett ta' produttur li fuqu l-Qorti tal-Ġustizzja bbażat is-sentenza O'Byrne, entità li tiddistribwixxi prodott taqa' fi ħdan il-kunċett ta' produttur *strictu sensu* fis-sens tal-ewwel parti tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 85/374 jekk il-produttur u l-fornitur ikunu daqstant konnessi mill-viċin li l-produttur, wara li jittrasferixxi l-prodott lill-fornitur, iżomm kontroll *de facto* fuq il-prodott li ġie ttrasferit [40]. Jekk fl-aħħar mill-aħħar il-qrati nazzjonali kellhom jiddeċiedu fil-kawża prinċipali li kien hemm rabta daqstant mill-qrib, APMSD ikollha b'konsegwenza ta' dan tiġi meqjusa, flimkien ma' APSA, bħala produttur fis-sens tal-ewwel parti tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 85/374.

96. Barra minn hekk, taħt l-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 85/374, kull fornitur ta' prodott jiġi ttrattat bħala produttur tiegħu jekk il-produttur ma jistax jiġi identifikat u l-fornitur ma jinformax lill-persuna li saritilha ħsara, fi żmien raġjonevoli, bl-identità tal-produttur jew tal-persuna li fornietlu l-prodott.

97. Il-klassifikazzjoni ta' fornitur bħala produttur fis-sens tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 85/374 għaldaqstant hija possibbiltà

40 — Ara l-punti 39 *et seq.* iktar 'il fuq.

f'każijiet fejn il-persuna ppreġudikata ma kinitx f'pożizzjoni li tistabbilixxi l-identità tal-produttur fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-direttiva. Skont il-formulazzjoni ċara ta' din id-dispożizzjoni, madankollu, is-sempliċi nuqqas ta' għarfien dwar l-identità tal-produttur ma huwiex biżżejjed. Barra minn hekk il-persuna ppreġudikata għandha turi li ma kinitx f'pożizzjoni li tikkonstata l-identità tal-produttur [41]. Id-direttiva tħalli miftuħa r-raġuni għalfejn il-produttur ma jkunx magħruf mill-persuna ppreġudikata, sabiex b'hekk huma l-qrati nazzjonali li għandhom jiddeċiedu jekk il-produttur tal-prodott seta' jew ma setax jiġi identifikat fiċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ [42].

98. Applikazzjoni tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 85/374 tassumi li l-fornitur ma informax lill-persuna li saritilha ħsara fi żmien raġjonevoli bl-identità tal-produttur jew tal-fornitur tiegħu. Għalkemm id-direttiva ma tgħid xejn iktar dwar kif għandu jiġi kkalkolat il-perijodu li matulu l-fornitur għandu jwieġeb, jista' jiġi dedott li l-perijodu jibda jiddekorri mill-mument meta l-persuna ppreġudikata tressaq it-talbiet tagħha skont id-direttiva kontra l-fornitur. Biex jiġi evitat li fornitur jagħmilha iktar diffiċli jew saħansitra — minħabba l-iskadenza tat-terminu ta' preskrizzjoni ta' għaxar snin — kompletament impossibbli għall-persuna li saritilha ħsara li tressaq kawża kontra l-produttur, billi ttawwal l-identifikazzjoni tal-produttur, għandu jiġi dedott li t-terminu li fih il-fornitur irid jidentifika l-produttur jew il-fornitur tiegħu stess jibda jiddekorri mhux iktar tard minn meta l-persuna li saritilha ħsara formalment titlob kumpens mill-fornitur skont ir-regoli dwar responsabbiltà għall-prodott, kemm permezz ta' talba formali jew permezz ta' proċedimenti ġudizzjarji. It-terminu jibda jiddekorri biss jekk it-talba tkun speċifika biżżejjed fir-rigward tal-prodott.

99. Fornitur jista' jevita li jiġi kklassifikat bħala produttur taħt l-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 85/374 biss billi jidentifika l-produttur bħala l-fornitur tiegħu. Jekk il-fornitur ikun jaf bl-identità tal-produttur jew tal-fornitur tiegħu, l-affermazzjoni li huwa nnifsu ma huwiex il-produttur ma hijiex biżżejjed biex teħilsu mir-responsabbiltà. Il-fornitur huwa meħtieġ pjuttost, anki mingħajr ma jiġi mitlub li jagħmel dan mill-persuna li saritilha ħsara, li jikkommunika l-informazzjoni kollha meħtieġa fi żmien raġonevoli [43].

41 — Ara sempliċement: Dommering-van Rongen, L. (iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 13, p. 92 u 93).

42 — Normalment dan ikun każ ta' prodotti mingħajr tikketta jew prodotti mingħajr informazzjoni fir-rigward l-ippakkeġġjar jew fl-istruzzjonijiet dwar l-użu: ara Taschner, H.C. u Frietsch, E. (iċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 17, Artikolu 3 Richtl., paragrafu 24).

43 — Ara Taschner, H.C. u Frietsch, E. (iċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 17, Artikolu 3 Richtl., paragrafu 28); Dommering-van Rongen, L. (iċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 41, p. 93). F'dan il-kuntest huma problematiċi dispożizzjonijiet nazzjonali ta' traspożizzjoni li jeħtieġu li talba sabiex jiġi identifikat il-produttur jew il-fornitur tal-fornitur stess, bħall-Artikolu 4 (3) tal-Produkthaftungsgesetzes Ġermaniża (tweġiba fi żmien xahar mit-talba għall-identifikazzjoni), l-Artikolu 2 (3) tal-Consumer Protection Act 1987 Ingliż (żmien raġjonevoli mit-talba għall-identifikazzjoni), jew l-Artikolu 2(3) tal-Liability For Defective Products Act 1991 Irlandiż (żmien raġjonevoli mit-talba għall-identifikazzjoni). Ara Hodges, C., "Product liability of suppliers: the notification trap", ELRev 2002, 27(6), p. 758, 764.

ii) Konsegwenzi tal-klassifikazzjoni ta' fornitur bħala produttur fis-sens tal-ewwel parti tal-Artikolu 3(1) jew tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 85/374

100. Jekk fil-kawża prinċipali l-qrati nazzjonali kellhom finalment jaslu għall-konklużjoni li APMSD għandha tiġi klassifikata bħala produttur fis-sens tal-ewwel parti tal-Artikolu 3(1) jew tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 85/374, skont id-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva, APMSD tkun responsabbli bħala produttur għad-danni kkawżati minn difett fit-tilqima.

101. Minħabba l-fatt li l-persuna ppreġudikata ressqet kawża kontra APMSD fit-2 ta' Novembru 2000 abbażi ta' responsabbiltà għall-prodott u nnotifikat id-dettalji tat-talba fl-1 ta' Awwissu 2001, it-terminu ta' preskrizzjoni taħt l-Artikolu 11 tad-Direttiva 85/374 kien jiġi interrott fil-ħin, fir-rigward ta' APMSD.

102. Barra minn hekk, din il-klassifikazzjoni ta' APMSD bħala produttur ma teskludix li titressaq kawża kontra APSA. Fl-eventwalità li jitressqu talbiet taħt id-direttiva kontra diversi produtturi, l-Artikolu 5 tad-direttiva jipprovdi espressament li huma responsabbli *in solidum* fir-rigward tal-persuna li saritilha ħsara, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li jikkonċernaw drittijiet ta' kontribuzzjoni jew ta' rimedju.

103. Madankollu għandu jitfakkar li t-tressiq ta' kawża kontra wieħed minn diversi produtturi fis-sens tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 85/374 jinterrompi t-terminu ta' preskrizzjoni biss fil-konfront tal-produttur li kontrih tkun tressqet il-kawża. Madankollu, anki f'dan il-kuntest ta' preskrizzjoni, il-konsegwenzi tal-interpretazzjoni funzjonali tal-kunċett ta' produttur fis-sens tal-ewwel parti tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 85/374 ma jistgħux jiġu injorati [44].

104. Għalkemm skont l-istruttura tad-Direttiva 85/374 il-produtturi kollha li huma involuti fil-proċess tal-produzzjoni huma responsabbli *in solidum* fir-rigward tal-konsumatur jekk il-prodott lest ikun difettuż, it-terminu ta' preskrizzjoni fl-Artikolu 11 tad-direttiva bħala prinċipju għandu jiġi kkonstatat b'mod separat għal kull produttur involut.

105. Fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, il-Kummissjoni tipproponi interpretazzjoni differenti, li skontha t-tressiq ta' kawża kontra fornitur li għandu jiġi kklassifikat bħala produttur fis-sens tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 85/37/374 jista' jinterrompi t-terminu ta' preskrizzjoni taħt l-Artikolu 11 fir-rigward ta' produttur fis-sens tal-ewwel parti tal-Artikolu 3(1). Madankollu, interpretazzjoni bħal din ikollha l-effett li t-tressiq ta' kawża kontra produttur fis-sens tal-Artikolu 3 jinterrompi d-dekorrenza tat-terminu ta' preskrizzjoni ta' għaxar snin kontra l-produtturi l-oħrajn kollha fis-sens tal-Artikolu 3.

44 — Ara punt 109 *et seq.* iktar 'il quddiem.

Dan l-approċċ imur kontra l-għanijiet tad-Direttiva 85/374, jinjora l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, u ġie kkwalifikat mill-Kummissjoni waqt is-seduta.

106. Qabel kollox, għandu jiġi osservat li fis-sentenza O'Byrne il-Qorti tal-Ġustizzja, fl-interpretazzjoni tagħha dwar it-tqegħid fiċ-ċirkulazzjoni li tagħti lok għall-bidu tad-dekorrenza tat-terminu ta' preskrizzjoni, iffokat fuq il-proċess ta' produzzjoni operat minn produttur speċifiku għal prodott speċifiku. F'dan ir-rigward produttur ta' parti komponenti jew fornitur li għandu jiġi kklassifikat bħala produttur (ta' parti komponenti) li jbigħ il-parti komponenti tiegħu lil produttur ieħor ta' parti komponenti jew tal-prodott lest bħala regola jqegħdu fiċ-ċirkulazzjoni, biex b'hekk it-terminu ta' preskrizzjoni jibda jiddekorri minn dak il-mument [45]. Jekk diversi produtturi jew forniturи li għandhom jiġu kklassifikati bħala produtturi (ta' parti komponenti) jifformaw parti minn katina ta' ħolqien ta' ġid, il-mument meta t-terminu ta' preskrizzjoni jibda jiddekorri għandu jiġi kkonstatat b'mod separat għal kull produttur. Jekk, imbagħad, kawża mressqa kontra produttur jew fornitur wieħed ikun interrompa t-terminu ta' preskrizzjoni fil-konfront tal-produtturi u forniturи l-oħra kollha li għandhom jiġu kklassifikati bħala produtturi involuti, indipendentement minn jekk dawn kinux partijiet fil-kawża jew jekk saħansitra sarux jafu biha, dan qajla seta' jiġi rikonċiljat mal-approċċ segwit fis-sentenza O'Byrne li jiġi eżaminat kull każ individwali partikolari.

45 — Ara, dwar dan il-punt Graf von Westphalen, F. (iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 13, § 79, paragrafu 18); Kullmann, H.J. (iċċitatat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 19, p. 151); Wuyts, D. (iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 17, paragrafu 41); Dommering-van Rongen, L. (iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 13, p. 173 u 174); u van Empel, M., u Ritsema, H.A. (iċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 17, p. 83).

107. Barra minn hekk, għandu jitfakkar li t-terminu ta' preskrizzjoni ta' għaxar snin taħt l-Artikolu 11 tad-Direttiva 85/374 huwa bażikament intiż sabiex tiġi ggarantita lill-produtturi skadenza fissa għar-responsabbiltà assoluta tagħhom [46]. Il-preskrizzjoni temporali tar-responsabbiltà hija bbażata wkoll fuq kunsiderazzjonijiet ta' prova, peress li d-difiżi tal-prodottur tal-komponent jew tal-prodott lest imsemmija fl-Artikolu 7(e) (riskju ta' żvilupp) u (f) (komponent mhux difettuż) jeħtieġu relatata mal-istat tal-prodott fil-mument li jitqiegħed fiċ-ċirkulazzjoni. Peress li l-produtturi jġorru l-oneru tal-prova u r-riskju ta' nuqqas li jagħtu l-prova, filwaqt li jsir dejjem iżjed diffiċli li tiġi pprovata d-difiża mal-mgħodija taż-żmien, ikun kontra l-bilanċ ta' interessi stabbilit mid-Direttiva 85/374 li kieku t-terminu ta' preskrizzjoni ta' għaxar snin għall-produtturi kollha involuti fil-katina ta' ħolqien tal-ġid seta' jiġi interrott billi titressaq kawża kontra produttur jew fornitur ieħor li għandu jiġi kklassifikat bħala produttur, u b'hekk mingħajr ma jkunu jafu dwar dan, partikolarment minħabba l-fatt li dawn il-proċedimenti jistgħu jkunu partikolarment twal.

108. Fil-fehma tiegħi, it-tressiq ta' kawża fil-ħin kontra fornitur ma jistax għalhekk ikollu l-effett li jinterrompi t-terminu ta' preskrizzjoni fir-rigward ta' produttur fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-direttiva, anki li kieku l-qrati nazzjonali kellhom jieħdu l-pożizzjoni li l-fornitur għandu jiġi kklassifikat bħala produttur fis-sens tal-Artikolu 3(3) tad-direttiva.

46 — Ara l-punt 47 *et seq.* iktar 'il fuq.

109. Jekk, b'kuntrast ma' dan, il-qrati nazzjonali kellhom jaslu għall-konklużjoni fil-kawża prinċipali li fornitur bħal ma huwa APMSD kellu, minħabba l-involviment tiegħu fil-proċess ta' produzzjoni operat minn APSA, jitqies flimkien ma' APSA bħala produttur fis-sens tal-ewwel parti tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 85/374, it-tressiq ta' kawża fil-ħin kontra APMSD ikollha tabilħaqq l-effett li tinterrompi t-terminu ta' preskrizzjoni fir-rigward ta' APSA.

110. Il-punt deċiżiv hawnhekk huwa li fornitur li jinsab involut biżżejjed mill-viċin fil-proċess ta' produzzjoni operat mill-produttur għandu jiġi kklassifikat flimkien mal-produttur bħala produttur fis-sens tal-ewwel parti tal-Artikolu 3(1) tad-direttiva. Peress li dawn iż-żewġ entitajiet għandhom jiġu kkunsidrati, fid-dawl tal-interpretazzjoni funzjonali tal-kunċett ta' produttur, bħala produttur wieħed fis-sens tal-ewwel parti tal-Artikolu 3 (1), it-terminu ta' preskrizzjoni għandu wkoll jiddekorri bl-istess mod għaż-żewġ entitajiet.

111. F'dan ir-rigward il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza O'Byrne, wara li qieset bir-reqqa l-interessi tal-konsumaturi u tal-produtturi, issinkronizzat il-punt tat-tluq tat-terminu ta' preskrizzjoni ta' għaxar snin taħt l-Artikolu 11 tad-Direttiva 85/374 għall-produttur *stricto sensu* u l-fornitur li jifforma parti mill-proċess ta' produzzjoni billi għamlet referenza għad-data li fiha l-fornitur iqiegħed il-prodott fiċ-ċirkulazzjoni. Fil-kuntest tal-bilanċ ta' interessi nnifsu, id-dekorrenza tat-terminu ta' preskrizzjoni wkoll għandu jkun uniformi.

112. Peress li d-dekorrenza tat-terminu ta' preskrizzjoni taħt l-Artikolu 11 tad-direttiva jiġi interrott biss bit-tressiq ta' kawża, terminu uniformi ta' preskrizzjoni għall-produttur u l-fornitur li flimkien għandhom jitqiesu bħala produttur fis-sens tal-ewwel parti tal-Artikolu 3(1) jippresupponi li t-tressiq ta' kawża kontra l-fornitur jinterrompi d-dekorrenza tat-terminu ta' preskrizzjoni ta' għaxar snin mhux biss fir-rigward ta' dak il-fornitur iżda wkoll fir-rigward tal-produttur li fil-proċess ta' produzzjoni tiegħu l-fornitur huwa involut.

113. Għalhekk, il-konklużjoni tiegħi hija li l-klassifikazzjoni — li għandha tiġi evalwata mill-qrati nazzjonali — tal-fornitur ta' prodott bħala l-produttur tiegħu għandha l-konsegwenza li l-fornitur huwa responsabbli taħt l-Artikolu 1 tad-direttiva għad-danni kkawżati minħabba difett fil-prodott, indipendentement minn jekk jiġix ikklassifikat bħala produttur fis-sens tal-Artikolu 3(1) jew bħala produttur fis-sens tal-Artikolu 3(3) tad-direttiva. Il-klassifikazzjoni ta' fornitur bħala produttur fis-sens tal-ewwel parti tal-Artikolu 3 (1) tad-direttiva għandha l-konsegwenza ulterjuri li t-terminu ta' preskrizzjoni ta' għaxar snin għall-produttur li fil-proċess ta' produzzjoni tiegħu l-fornitur huwa involut jibda jiddekorri biss ladarba l-fornitur iqiegħed l-prodott fiċ-ċirkulazzjoni. Fl-istess waqt, kawża li titressaq kontra dak il-fornitur

f'dan il-każ tinterrompi d-dekorrenza tat-terminu ta' preskrizzjoni taħt l-Artikolu 11 tad-direttiva anki fir-rigward tal-produttur li fil-proċess tal-manifattura tiegħu l-fornitur huwa involut.

4. Sommarju

114. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet imsemmija iktar 'il fuq nikkonkludi li s-sostituzzjoni ta' partijiet, li tkun valida taħt il-liġi proċedurali nazzjonali, li permezz tagħha produttur jiġi ssostitwit bħala konvenut f'proċedimenti li jikkonċernaw talbiet taħt id-Direttiva 85/374 tikkostitwixxi forma ta' tressiq ta' kawża kontra dak il-produttur li hija kompatibbli ma' din id-direttiva, sakemm, meta sar ir-rikors għas-sostituzzjoni tal-partijiet, il-produttur ma ġiex illiberat mir-responsabbiltà b'konsegwenza tal-iskadenza tat-terminu ta' preskrizzjoni taħt l-Artikolu 11 tad-direttiva.

115. Li kieku l-qrati nazzjonli kellhom barraminhekk jaslu għall-konklużjoni fil-kawża prinċipali li APMSD għandha tiġi kklassifikata bħala produttur fis-sens tal-ewwel parti tal-Artikolu 3(1) jew tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 85/374, APMSD tkun responsabbli wkoll, taħt l-Artikolu 1 tad-direttiva, għad-danni kkawżati minħabba difett fil-prodott. Il-klassifikazzjoni ta' APMSD bħala prodottur fis-sens tal-ewwel parti tal-Artikolu 3(1) jkollha wkoll il-konsegwenza li t-tressiq ta' kawża kontra APMSD tinterrompi d-dekorrenza tat-terminu ta' preskrizzjoni taħt l-Artikolu 11 tad-direttiva anki fir-rigward ta' APSA, li fil-proċess ta' produzzjoni tagħha kienet involuta APMSD.

VII — Konklużjoni

116. Għaldaqstant nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tagħi r-risposta li ġejja lill-House of Lords:

Regola nazzjonali li, fil-kuntest ta' rikors li jikkonċerna talbiet imressqa taħt id-Direttiva tal-Kunsill 85/374/KEE, tal-25 ta' Lulju 1985, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet,

regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar responabbiltà għall-prodotti difettużi, tippermetti li l-fornitur konvenut jiġi ssostitwit mill-produttur permezz ta' sostituzzjoni ta' partijiet hija kompatibbli ma' din id-direttiva, sa fejn il-produttur ma kienx, meta ġie ppreżentat ir-rikors għas-sostituzzjoni tal-partijiet, ġie lliberat mir-responsabbiltà tiegħu b'konsegwenza tal-iskadenza tat-terminu ta' preskrizzjoni taħt l-Artikolu 11 tad-Direttiva 85/374.

Jekk fornitur għandu jiġi kklassifikat bħala produttur fis-sens tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 85/374, huwa jinsab responsabbli taħt l-Artikolu 1 ta' din id-direttiva għad-danni kkawżati minħabba difett fil-prodott. Il-klassifikazzjoni tal-fornitur bħala produttur fis-sens tal-ewwel parti tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 85/374 għandha l-konsegwenza ulterjuri li t-tressiq ta' kawża kontra dak il-fornitur tinterrompi d-dekorrenza tat-terminu ta' preskrizzjoni taħt l-Artikolu 11 ta' din id-direttiva anki fir-rigward tal-produttur li fil-proċess tal-manifattura tiegħu il-fornitur huwa involut.